# DAWL FRANĠISKAN

GĦADD 387 • FRAR 2019 • ID-39 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



## JUM IL-MORDA
## 11 TA' FRAR 2019

NEWSPAPER POST IISN 1811-5373

# WERREJ


3 Editorjal - Fr Philip Cutajar OFMCap
Niċċelebraw Jum il-Morda (11 ta' Frar 2019)

5 Knisja - Meħud minn Laikos – miġjub għall-Malti
Il-beatitudnijiet għall-Politiċi

7 Reliġjon u Storja - Joseph C. Camilleri BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)
Il-Kolonna Pawlina

8 Pastorali tas-Saħħa - Fr Mario Attard OFMCap
Għal kontra l-istress

10 Padre Pio - Vincent Vella OFS
Jurina t-triq

12 Karibu! Malta - James Borg Cumbo
Unur li mmexxi organizzazzjoni volontarja li tħalli tant frott

15 Knisja: ħajja, ħidma u aħbarijiet - Fr Silvestru Bonavia OFMCap
Tama ħajja għal ġenerazzjoni aħjar fil-Knisja u fid-dinja

17 Storja - Joseph C. Camilleri BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)
L-Ewwel Ċentinarju mis-Sette Giugno

19 Riċensjoni ta' Kotba - Fr Charles Buttigieg
Ħarsitna f'wiċċ Ġesù

20 Kultura - Tony C. Cutajar
Tfal Ġenji - Yano Sho

22 Katekeżi - Emanuel Micallef
L-ilsien huwa nar - Kif timmansa lsienek

23 Aħbarijiet tal-Provinċja - Br Miguel Zammit OFMCap
Mid-djarju tal-Kapuċċini Maltin

29 Riċetti - Fr Paul Bugeja
Stuffat taċ-Ċanga tal-Papa San Girgor il-Kbir

30 Poeżija - Oliver Friggieri
Xi Mkien Madwari

31 Kompetizzjoni - Fr Wistin Attard OFMCap





### Ħsieb tal-faċċata

JUM IL-MORDA - 11 TA' FRAR

Huwa jum li bħala Knisja nagħtu xhieda li aħna jimpurtana mill-morda, huma min huma, huma fejn huma. U dan imur, hekk kif jgħidilna l-Papa Franġisku, kontra l-mentalità tal-iskart. Il-Papa Franġisku jħeġġiġna: *"Din is-sejħa materna tal-Knisja lejn il-persuni bżonjużi u morda kkonkretizzat ruħha matul l-elfejn sena ta' storja b'serje ta' inizjattivi nobbli favur il-morda. Storja ta' dedikazzjoni bħal din m'għandhiex tintesa."*

## BORD EDITORJALI


Editur
Fr Philip Cutajar OFMCap

Amministratur
Dorian Holland OFS

Distributur Malta
Alfred Ebejer

Distributur Għawdex
Pierre E. Buttigieg OFS

Membri
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act

Direzzjoni u Amministrazzjoni
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Telefown: 2123 3874,
2122 5525,
2123 4949

Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com

IISN 1811-5373

Disinn u Stampar: Best Print Co. Ltd
Telefown: 2168 0789



© Dawl Franġiskan 2019
Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:

Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

FR PHILIP CUTAJAR OFMCap



# NIĊĊELEBRAW JUM IL-MORDA (11 TA' FRAR 2019)

Kienet inizjattiva tal-Papa Qaddis Ġwanni Pawlu II meta fis-sena 1991 ħabbar li bħala Knisja ser jiġi ċċelebrat ta' kull sena **Jum il-Morda**. Fil-fatt l-ewwel Jum il-Morda kien ġie ċċelebrat fis-sena 1992. Din is-sena qed jiġi ċċelebrat it-28 Jum il-Morda. Il-Papa kien għażel ukoll il-jum speċifiku. Dan kellu jkun nhar il-11 ta' Frar ta' kull sena. Jum li fih il-Knisja tiċċelebra wkoll it-tifkira tal-ewwel dehra tal-Madonna ġewwa Lourdes. Kienet inizjattiva ġenjali li propju f'din it-tifkira tal-Madonna ta' Lourdes jiġi ċċelebrat ukoll Jum il-Morda. Ilkoll kemm aħna nafu kemm il-morda għandhom relazzjoni qawwija ma' Lourdes, fejn ta' kull sena jmorru bl-eluf. Dawn imorru f'dan il-post qaddis b'fidi qawwija, ifittxu fuq kollox "l-isptar spiritwali" li tant ikollhom bżonn.

## L-GĦANIJIET GĦAL JUM IL-MORDA

Il-Papa San Ġwanni Pawlu II, meta waqqaf dan il-jum speċjali ddedikat lill-morda, kien tana wkoll l-għanijiet li għalihom kien qed idaħħal fil-Knisja Kattolika din l-inizjattiva. Ilkoll kemm aħna bħala Knisja għandna niċċelebraw Jum il-Morda, bil-għan li:

- nitolbu għall-morda kollha. Kemm hu sabiħ li l-istess morda jkunu jafu li hemm min qed jitlob għalihom! Li huma mhumiex waħedhom fil-karba li kontinwament qed iressqu lil Alla għall-fejqan mill-marda tagħhom;
- nitolbu mhux biss għall-morda imma wkoll għal dawk kollha li, min b'mod u min b'ieħor, juru interess billi jgħinu lill-marid, kemm jekk dan qiegħed f'daru kif ukoll jekk qiegħed fl-isptarijiet. Għalhekk aħna mħeġġin sabiex f'dan il-jum iddedikat lill-morda nitolbu għat-tobba u l-infermiera; nitolbu għall-membri kollha tal-istaff li jaħdmu fl-isptarijiet tagħna; nitolbu wkoll għal ħafna reliġjużi rġiel u nisa li b'kariżma speċjali jiddedikaw ħajjithom għall-morda fl-isptarijiet u fi djarhom; nitolbu għal ħafna istituzzjonijiet, speċjalment NGO's, li b'mod volontarju jagħtu ħafna minn ħinhom jgħinu lill-morda; u nitolbu wkoll għal ħafna oħrajn – ħafna drabi dawn ikunu membri tal-familja tal-marid, li b'sagrifiċċji kbar jibqgħu għal sigħat twal, lejl u nhar, jieħdu ħsieb il-morda f'darhom.

Il-Papa Franġisku jħeġġiġna: *"Din is-sejħa materna tal-Knisja lejn il-persuni fil-bżonn u morda kkonkretizzat ruħha matul l-elfejn sena ta' storja b'serje ta' inizjattivi nobbli favur il-morda. Storja ta' dedikazzjoni bħal din m'għandhiex tintesa. Din il-ħidma għadha għaddejja llum, fid-dinja kollha. Fil-pajjiżi fejn jeżistu sistemi biżżejjed tas-saħħa, ix-xogħol tal-kongregazzjonijiet Kattoliċi, tad-djoċesijiet u l-isptarijiet tagħhom, barra li joffri kura medika ta' kwalità, jipprova jqiegħed il-persuna umana fiċ-ċentru tal-proċess terapewtiku u jwettaq ir-riċerka xjentifika fir-rispett lejn il-ħajja u l-valuri morali Nsara."*

- Huwa jum meta bħala Knisja nagħtu xhieda li aħna jimpurtana mill-morda, huma min huma, huma fejn huma. U dan imur, hekk kif jgħidilna l-Papa Franġisku, kontra l-mentalità tal-iskart. It-tentazzjoni tad-dinja li qed ngħixu fiha, dinja maħkuma mill-materjaliżmu u l-konsumeriżmu, hija li lill-marid u lix-xiħ inwarrbuh, nitilquh f'xi sptar jew dar tal-anzjani u ninsewh qisu biċċa skart li issa narmuha għax m'għadhiex aktar utli, la għalina u lanqas għas-soċjetà. Jum il-Morda huwa mument meta aħna nħossuna responsabbli mill-marid u għalhekk b'sens ta' mħabba evanġelika niġġieldu kontra l-kultura tal-iskart li qed tikber fostna. "Is-servizz tal-Knisja lill-morda u lil dawk li jieħdu ħsiebhom għandu jitkompla b'ħeġġa mġedda kontinwa, b'fedeltà

għall-kmand tal-Mulej (ara Lq. 9:2-6; Mt. 10:1-8; Mk 6:7-13) u billi timxi fuq l-eżempju ċar tal-Fundatur u Mgħallem tagħha" jgħidilna l-Papa Franġisku fil-messaġġ tiegħu għal Jum il-Morda tas-sena 2018.

- Jum il-Morda għandu jkun ukoll okkażjoni li fiha, b'mod speċjali fil-parroċċi tagħna, noħolqu inizjattivi bil-għan li niffurmaw u nedukaw lill-Insara tagħna bil-mod kif għandhom iħarsu lejn il-marid. Tkun ħasra jekk il-kappillani jħallu dan il-jum jgħaddi bla ma jorganizzaw xejn fil-parroċċa rispettiva tagħhom bil-għan li tqum kuxjenza favur il-morda. Inħeġġu lill-kappillani kollha sabiex dakinhar tal-11 ta' Frar, jew qabel jew wara, isibu xi ġurnata biex, anke permezz tal-Kummissjoni Djakonija, ilaqqgħu lill-morda kollha tal-parroċċa li jistgħu joħorġu minn djarhom. Għalihom jiġi ċċelebrat is-sagrament tad-Dilka Mqaddsa u jsir talb speċjali għalihom. Dan ikun mument meta ngorru lill-morda kollha tal-parroċċa tagħna bil-għan li jiltaqgħu mal-kleru parrokkjali u mal-Insara ħuthom u nuruhom solidarjetà, imħabba u rispett.
- Jum il-Morda għandu jservi, għalina lkoll bħala Nsara li rridu ngħixu l-Evanġelju, ta' mument ta' riflessjoni sinċiera sabiex naraw kemm aħna qegħdin inħobbu tassew il-morda tagħna. Mhux il-morda għax huma familjari jew ħbieb tagħna. Lil dawn bħal donna



nħossuna obbligati li mmorru narawhom l-isptar. Jekk le, jgħidu bina. Imma kemm aħna lesti li nwessgħu u niftħu l-bibien tal-qlub tagħna lejn il-morda kollha, anke dawk li mhumiex qrabatna u ħbiebna? Jew inħallu li l-morda jkunu tassew il-mimmi ta' għajnejna? Inħallu li huma jokkupaw post speċjali fil-qlub tagħna? Fil-pjanijiet u l-attivitajiet li nagħmlu fuq kull livell, speċjalment dawk parrokkjali, il-morda għandhom ikunu prijorità.

Il-Papa Franġisku jiġbed l-attenzjoni kemm tal-istess Knisja kif ukoll tal-gvernijiet bil-għan li nħarsu lejn dawk il-pajjiżi fejn l-għajnuna lill-morda hija skarsa u nieqsa, sabiex issir xi ħaġa: *"Fil-pajjiżi fejn is-sistemi tas-saħħa mhumiex biżżejjed jew ma jeżistux, il-Knisja taħdem biex toffri lin-nies, sa fejn hu possibbli, il-kura tas-saħħa, biex telimina l-mewt tat-trabi u tirbaħ ċertu mard li għandu firxa wiesgħa. Kullimkien hija tipprova tagħti l-kura, anki jekk mhux dejjem jirnexxilha tfejjaq. Ix-xbieha tal-Knisja bħala "sptar tal-battalja", li tilqa' lil dawk kollha li huma milquta mill-ħajja, hija realtà konkreta ħafna, għaliex f'xi partijiet tad-dinja huma biss l-isptarijiet tal-missjunarji u tad-djoċesijiet li jagħtu l-kura meħtieġa lill-popolazzjoni."*

- Jum il-Morda għandu wkoll iservi sabiex il-Knisja tagħmel l-eżami tal-kuxjenza tagħha bil-għan li tagħmel evalwazzjoni sinċiera ta' kemm il-ħidma tagħha mal-morda qed tkun tassew bħala "l-għażla tal-fqar" u mhux xi negozju minn fuq il-marid. Il-Papa Franġisku, bl-istil tiegħu fejn il-kelma ma joqgħodx jomgħodha, jindirizza speċjalment lir-reliġjużi, li għandhom bħala missjoni tagħhom il-kura tal-morda, sabiex dawn ikomplu jagħmlu dan b'sens tassew evanġeliku: "Dan il-wirt tal-passat jgħinna nipproġettaw tajjeb il-futur. Ngħidu aħna, li nħarsu l-isptarijiet Kattoliċi mir-riskju li jsiru azjenda, fejn fid-dinja kollha hemm it-tfittxija li jdaħħlu l-kura tas-saħħa fil-qasam tas-suq, u hekk jispiċċaw iwarrbu l-foqra."

## STEDINA

Ningħaqdu mal-Knisja, u bħala Knisja li trid tkun dixxiplu ta' Kristu billi timxi fuq il-passi tiegħu niċċelebraw Jum il-Morda għal din is-sena 2019 b'sentimenti u valuri tassew Insara. Nirriflettu fuq dan li qed nipprova nwassal lilkom bil-għan li nagħmlu kull sforz li nagħtuh valur, ngħixuh u nħajru lill-oħrajn jgħixuh magħna.

*Il-Mulej jagħtikom is-sliem!* ■

*Messaġġ tal-Papa Franġisku*
*Jum il-Paċi 2019*

MEĦUD MINN LAIKOS –
MIĠJUB GĦALL-MALTI MINN
LOUIS SPITERI

# IL-BEATITUDNIJIET GĦALL-POLITIĊI

***Il-Papa jelenka lista ta' beatitudnijiet ġodda għall-politiċi tas-seklu 21.***



Il-Papa Franġisku spiss jirreferi għall-beatitudnijiet bibliċi bħala l-mogħdija li trid tgħaddi minnha fit-tfittxija għall-ħniena u l-qdusija personali. Iżda għax għandu mnejn hu għaraf li l-Bibbja qatt ma setgħet timmaġina kif se tkun il-politika fis-seklu 21, il-Papa elenka lista ta' beatitudnijiet ġodda għall-politiċi fil-messaġġ tiegħu għall-Jum Dinji tal-Paċi għas-sena 2019.

Maħruġ fit-18 ta' Diċembru, il-messaġġ huwa intitolat "IL-POLITIKA TAJBA HIJA MOGĦTIJA GĦALL-QADI TAL-PAĊI". Il-Jum Dinji għall-Paċi, li kien imwaqqaf minn San Pawlu VI fis-sena 1968, huwa ċċelebrat kull sena fl-ewwel jum ta' Jannar, u miegħu jinħareġ messaġġ mill-Papa li jintbagħat lill-ministri tal-Affarijiet Barranin mad-dinja kollha, u tipikament jagħti ħjiel tat-ton diplomatiku li s-Santa Sede tkun se tadotta fis-sena li tkun ġejja.

Fil-messaġġ tiegħu għas-sena 2019 il-Papa Franġisku saħaq li l-politika għandha tintuża bħala mezz biex teħodha kontra l-vjolenza u l-inġustizzja, billi tipproteġi ċ-ċittadini tan-nazzjon u tfittex il-ġid komuni minflok ma tfittex dak privat.

*"L-uffiċċju politiku u r-responsabbiltà politika huma sfida kostanti għal dawk li huma msejħin biex ikunu ta' servizz għal pajjiżhom, sabiex huma jagħmlu minn kollox biex jipproteġu lil kull min jgħix hemm u joħolqu l-kundizzjonijiet xierqa għal ġejjieni siewi u ġust." Hu qal hekk u żied jgħid illi jekk tkun imħaddma "b'rispett bażiku għall-ħajja, il-libertà u d-dinjità tal-persuni, il-ħajja politika tista' ssir għamla ta' karità li ma jkunx hawn bħalha."*

Filwaqt li rrefera għall-mibki Kardinal François-Xavier Nguyễn Văn Thuận, li qatta' tlettax-il sena f'ħabs Komunista, disgħa minnhom iżolat għalih waħdu, u l-kawża tiegħu għall-beatifikazzjoni hi bħalissa miftuħa fil-Vatikan, il-Papa Franġisku indika l-"Beatitudnijiet tal-Politiku" proposti minn Văn Thuận fil-kitbiet tiegħu.

Huwa joffri tmien beatitudnijiet għall-politiċi twajba, li tahom din it-tifsila:

**Hieni dak il-politiku li għandu sens ta' karattru għoli u jagħraf profondament x'inhu r-rwol tiegħu.**

**Hieni dak il-politiku li personalment ikun eżempju ta' kredibiltà.**

**Hieni dak il-politiku li jaħdem għall-ġid komuni u mhux għall-interess tiegħu jew tagħha.**

**Hieni dak il-politiku li jibqa' konsistenti.**

**Hieni dak il-politiku li jaħdem għall-għaqda.**

**Hieni dak il-politiku li jistinka biex iġib bidla radikali.**

**Hieni dak il-politiku li kapaċi jisma'.**

**Hieni dak il-politiku li ma jafx x'inhu biża'.**

Fil-ħajja politika, *"kull elezzjoni u elezzjoni mill-ġdid, u f'kull stadju tal-ħajja pubblika, tinħoloq opportunità sabiex wieħed jerġa' lura għal dawk il-punti ta' referenza li jispiraw ġustizzja u liġi,"* issokta l-Papa Franġisku, hu u jirreferi għall-beatitudnijiet ta' Văn Thuận.

*"Ħaġa waħda hi ċerta: politika tajba hija għall-qadi tal-paċi,"* huwa qal, u żied jgħid illi l-politika għandha tirrispetta kif ukoll tippromwovi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, *"sabiex b'hekk tissawwar rabta ta' fiduċja u gratitudni bejn il-ġenerazzjonijiet preżenti u dawk tal-ġejjieni".*

Iżda meta l-politika tiġi maħkuma mill-vizzju, din *"se ġġib magħha għajb għall-ħajja pubblika u thedded l-armonija soċjali permezz tal-immaniġġjar ħażin tal-fondi nazzjonali, iċ-ċaħda tad-drittijiet tal-bniedem, xenofobija instigata mir-razziżmu, u 'l-ħtif mingħajr jedd' tal-ġid tad-dinja biex wieħed jagħmel profitt minnufih,"* issokta jgħid.

Kif ta' sikwit jirrimarka, il-Papa Franġisku qal li ż-żgħażagħ huma l-iktar f'riskju meta s-setgħat politiċi jfittxu li jipproteġu l-interessi privati tal-ftit li huma ta' ġewwa flok dawk tal-kotra, u b'hekk jonqsulhom l-opportunitajiet u malajr jitilfu l-fiduċja li jkunu jistgħu jibnu futur.

Jekk il-ħajja politika tkun imsejsa fuq il-liġi u relazzjoni ġusta bejn l-individwi, soċjetà tista' tinbena fuq il-fiduċja, huwa stqarr, iżda widdeb li din il-fiduċja tista' tkun diffiċli biex tinbena, iktar u iktar fid-dominju politiku, fejn imġiba li **"tbarri"** jew nazzjonaliżmu jistgħu *"jqiegħdu f'dubju l-fraternità li d-dinja globalizzata tagħna tant għandha bżonn".*




*"Illum, aktar minn qabel, is-soċjetajiet tagħna għandhom bżonn nies li jafu jibnu l-paċi bis-sengħa, li jistgħu jkunu messaġġiera u xhieda awtentiċi ta' Alla l-Missier, li jixtieq il-ġid u l-ferħ tal-familja umana,"* issokta.

Filwaqt li nnota li s-sena 2018 kienet timmarka l-mitt sena mit-tmiem tal-Ewwel Gwerra Dinjija, il-Papa Franġisku għamel enfasi fuq il-fatt li għalkemm il-qerda fost il-popolazzjoni ċivili kienet mifruxa bil-bosta, *"il-paċi qatt m'għandha tiġi ridotta għal bilanċ bejn il-qawwa u l-biża'".*

*"Li thedded lill-oħrajn ifisser li tkun qed tbaxxihom għal status ta' oġġetti u tkun qed tiċħdilhom id-dinjità tagħhom,"* u filwaqt li qal dan ikkundanna l-kummerċ fl-armi u l-kultura ta' intimidazzjoni u terroriżmu li, kif qal, *"iwasslu għall-eżilju ta' popolazzjonijiet sħaħ li jkunu qed ifittxu post fil-paċi".*

*"Ir-retorika politika għandha t-tendenza li twaħħal fl-immigranti għal kulma hu ħażin u li ċċaħħad lill-fqar minn kull tama mhijiex aċċettabbli,"* u ssokta jgħid li l-paċi tista' tinbena biss fuq ir-rispett għal kull persuna, ġejja minn fejn ġejja, u fuq ir-rispett għal-liġi u l-ġid komuni.

Filwaqt li pponta għall-anniversarju li jaħbat dis-sena minn meta ġiet adottata d-**Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem** wara t-Tieni Gwerra Dinjija, il-Papa qal li flimkien mad-drittijiet għandu jkun hemm ir-rikonoxximent tad-drittijiet, u l-ħtieġa li dawn id-drittijiet jiġu mwettqa bħala mezz biex id-dinjità tal-bniedem tibqa' mhux mittiefsa.

Il-paċi, qal, hija r-riżultat ta' **"proġett politiku kbir"** imsejjes kemm fuq ir-responsabbiltà reċiproka u l-interdipendenza, filwaqt li sejjaħ it-tfittxija għall-paċi *"sfida li titlob li wieħed għandu jidħol għaliha dejjem bħala xi ħaġa ġdida",* li titlob konverżjoni tal-qalb u tar-ruħ sabiex tkun tista' titwettaq.

Hu qal li l-konverżjoni titwettaq fi tliet livelli:

- tagħmel paċi miegħek innifsek billi tiċħad kull ebusija li ma ċċedix (inflessibbiltà), ir-rabja u n-nuqqas ta' paċenzja;
- mal-oħrajn, li jinkludi l-familja tiegħek, il-ħbieb u l-fqar;
- u mal-ħolqien kollu, fl-għarfien tar-responsabbiltà ta' kulħadd flimkien sabiex id-dinja tkun protetta u l-bnedmin ikunu "ċittadini u bennejja tal-ġejjieni".

JOSEPH C. CAMILLERI
BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)



L-10 TA' FRAR:
Festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta

# IL-KOLONNA PAWLINA



F'Malta nsibu tliet relikwi ewlenin ta' San Pawl. Waħda minnhom tinsab fil-knisja parrokkjali tar-Rabat (Malta) u tnejn fil-knisja parrokkjali tal-Belt Valletta. Waħda minnhom hija l-kolonna li fuqha Missierna San Pawl sofra l-martirju tiegħu.

## IL-KOLONNA

Fl-1813 f'Malta faqqgħet il-pesta. Matul din l-imxija l-kapitlu tal-kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta daħal għal ħidma fost il-vittmi Beltin. Bħala ringrazzjament il-Papa Piju VII ried jirregala lill-kolleġġjata parti mill-kolonna li fuqha San Pawl sofra l-martirju tiegħu.

Il-Kanonku Dun Giovanni Romei rċevieha f'isem il-kapitlu u mar għand xi artisti biex jagħtuha l-forma li għandha llum. Il-flus ħariġhom Monsinjur Giacomo Testaferrata.

Il-kolonna hija tal-irħam abjad u għolja xiber u ħamsa, u għandha dijametru ta' xiber u tlieta. Kien Monsinjur Menonchio li ġie inkarigat biex jagħti din ir-relikwa. Qabel din il-biċċa kolonna kienet konservata fil-knisja tat-Tre Fontane f'Ruma. Poġġew fuq il-kolonna ras tal-fidda, xogħol Filippo Paccetti, b'relikwa ta' San Pawl ġo fiha.

Il-kolonna waslet Malta fit-22 ta' Ġunju 1818. Ir-relikwa ttieħdet f'xi djar privati, monasteri u fil-Palazz tal-Isqof. Fid-19 ta' Lulju 1818 saret purċissjoni bir-relikwa mill-knisja tal-Ġiżwiti sal-kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu. Meta waslet fil-kolleġġjata tqiegħdet fuq pedestall fil-presbiterju. Bħala tifkira, mal-ħajt fil-bieb li mill-knisja jagħti għas-sagristija hemm lapida li tfakkar l-għotja ta' din ir-relikwa. Hemm ukoll pittura fis-suffett tal-Awla Kapitulari li turi l-Papa qed jikkunsinna l-kolonna lill-Kanonku Romei. Fuq talba tal-Arċipriet Salvatore dei Conti Manduca twaqqfet kongregazzjoni b'tifkira tal-martirju ta' San Pawl bl-isem ta' Sodalità tal-Kolonna. In-niċċa tagħha tinsab fuq l-artal tal-kor.



## SODALITÀ TAL-KOLONNA

Monsinjur Arċisqof Maurus Caruana laqa' din it-talba tal-Arċipriet dei Conti Manduca biex titwaqqaf sodalità u ħareġ digriet fil-21 ta' Ġunju 1924, li bih waqqaf din il-kongregazzjoni bl-isem ta' 'Sodalità tal-Kolonna'. Din is-sodalità ġiet magħquda mal-Primaria Delle Tre Fontane ta' Ruma. Il-Papa Piju XI bierek din is-sodalità u kkonċeda indulġenzi speċjali lill-miktubin f'din is-sodalità. ■



FR MARIO ATTARD OFMCap



# GĦAL KONTRA L-ISTRESS



L-istress! Kulħadd ikollu l-istress. Dejjem jekk bi stress qegħdin nifhmu "dak l-istat ta' tensjoni jew strain mentali u emozzjonali li jiġi minn ċirkustanzi ta' kunflitt jew li jkunu diffiċli ħafna".

Min jaħdem fl-isptar, u xogħlu jagħmlu minn qalbu u mhux l-għaliex ġie mitlub jagħmlu bil-ħniena jew inkella l-għaliex joqgħod ikejjel bl-eżatt bir-riga ta' x'jagħmel u x'ma jagħmilx, bilfors li jkollu jħabbat wiċċu mal-istress. Il-qalb tajba li l-Mulej ikun tah għall-proxxmu tiegħu, li qed ibati fil-mard, iseħħilha tinkarna fih dak li jgħid il-Mulej innifsu fil-Ktieb tal-Eżodu: "Jien ħarist u rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi... U jien smajt il-karba tagħhom... u għaraft l-uġigħ tagħhom. Issa nżilt biex neħlishom... u biex intellagħhom... u neħodhom f'art tajba u wiesgħa" (Eż. 3:7-8).

Iżda dan kollu ma jfissirx li wieħed ma jkunx stressjat! Nistieden lil min jaħseb li meta taħdem fi sptar għandek tgħix f'ċerta paċi li jgħidilna biha l-Buddiżmu. Jiġifieri dik il-paċi li biha ma jkollokx inkwiet u li ma tkunx stressjat. Min jaħseb hekk ngħidlu jieħu paċenzja ftit u jerġa' jirrevedi naqra l-pożizzjoni żbaljata tiegħu. Nitlob li l-umiltà tferi ftit il-preżunzjoni ta' qalbu bil-għan li jintebaħ ftit kemm tabilħaqq qed jirraġuna ħażin. Le! Li taħdem fl-isptar hemm prezz xi tħallas għalih: l-istress, jiġifieri dak l-istress li hemm fil-pakkett ospedalier! Għalhekk, meta ma nifhmux lil dawn ħutna li jaħdmu fl-isptar u nibdew nimponulhom modi ta' mistrieħ kif ipaspar moħħna, inkunu qed nagħmlulhom ħsara kbira.

U nkunu aħna stess, ħtija tal-kummenti distruttivi tagħna, li nikkawżawlhom xebgħa stress. Ejjew inħalluhom isibu huma l-modi tagħhom kif l-aħjar jistrieħu, ħa jiġġeneraw aktar u aktar. L-għaliex, aktar ma jirgħaw, aktar se jgħinu jirgħaw lill-oħrajn.

Xi xhur ilu kont f'sala fil-Mater Dei. Kelli bżonn immur hemm l-għaliex kelli qadja. Kif kont mal-bank tal-infermieri kien hemm infermiera li m'ilhiex wisq li bdiet taħdem f'dan ix-xogħol. Mill-esperjenza li l-Mulej tani f'dan ix-xogħol ħassejt li kelli nieħu ħsiebha. Mhux billi nagħmlilha xi prietka u ngħibha guilty. Lanqas billi nimponilha xi mod ta' kif għandha tistrieħ. Ejjew ma ninsewx li kulħadd jistrieħ kif isibu hu l-aħjar li jistrieħ. Mela, min studja l-kura pastorali, bħalma studjajtha jien, mill-ewwel jifhimni x'qed ngħid.

Allura x'għamilt? Ħaġa sempliċi ħafna. Ftaħt il-borża tal-plastik u ħriġt romblu żgħir żgħir, imdawwar b'biċċa ribbon ħadra. Jiġifieri dan ir-romblu kien dak li fih kien hemm messaġġ mill-Kelma ta' Alla. Iva, ħbieb! Bħala bniedem l-ewwel, u mbagħad bħala Nisrani u saċerdot li jaħdem fl-isptar, nemmen bis-sħiħ li l-Kelma ta' Alla hija l-mediċina kontra l-istress. Imma, nistaqsi jien, l-għaliex il-Kelma ta' Alla hija tant qawwija u mediċinali kontra l-istress? It-tweġiba hija tabilħaqq faċli: l-għaliex minnha

nnifisha hija kontra l-istress! Minnha nnifisha tagħtina l-paċi u l-kuraġġ fil-ħalel imqallba tal-ħajja!



Ħa naraw xi versi minnha li jagħmlulna kuraġġ kbir u jfejqu din it-tensjoni mentali u emozzjonali li aħna lkoll inġarrbu meta nħabbtu wiċċna ma' kunflitti jew sitwazzjonijiet diffiċli ħafna. Biex negħlbu l-istress għandna bżonn il-paċi ta' Kristu, li jikkalmana u ma jħalliniex nibżgħu. *Jiena nħallilkom is-sliem; nagħtikom is-sliem tiegħi. Ma nagħtihulkomx kif tagħtih id-dinja. Tħallux qalbkom titħawwad u anqas titbeżża'* (Ġw. 14:27). Imbagħad il-Kelma ta' Alla tfakkarna li f'mumenti ta' stress aħna m'aħniex waħedna, iżda magħna hemm il-Mulej, li qed isostnina l-ħin kollu. Bħalma jgħidilna Salm 18: *Fl-hemm tiegħi lill-Mulej sejjaħt, tlabt l-għajnuna 'l Alla tiegħi; hu sama' leħni mit-tempju tiegħu, f'widnejh waslet l-għajta tiegħi* (Salm 18:7).

Imma l-għaliex fl-istress jien għandi mmur għand Ġesù? X'għandu Ġesù speċjali u li lili jista' jserraħni mill-istress li nkun qed ngħum fih? Iweġibna Ġesù fil-vanġelu skont San Mattew: *Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom. Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom. Għax il-madmad tiegħi ħelu u t-toqol tiegħi ħafif* (Mt. 11:28-30). Mela meta int u jien immorru għandu, Ġesù jneħħilna l-istress li jkollna bil-qalb ħelwa u umli li għandu! Għiduli intom għandniex bżonnha din il-qalb ħelwa u umli fil-morr u l-arroganza li jaf joħloq l-istress! Fil-fatt x'ngħidu għal min hu stressjat u jaħtfek għal kull ħaġa ta' xejn? Lanqas biss tista' tkellmu jew tkellimha, għax jibilgħek jew tibilgħek!

L-istress negħlbuh meta nafdaw fil-Mulej dak kollu li nkunu għaddejjin minnu. Hemm żewġ testi li din il-mediċina tant joħorġuha għad-dawl. Wieħed minnhom hu Salm 37: *Erħi fil-Mulej it-triq tiegħek; afda fih, u jagħmel hu* (Salm 37:5). Filwaqt li l-vers l-ieħor huwa meħud mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Filippin: *Tħabbtu raskom b'xejn. Fit-talb kollu tagħkom itolbu u uru lil Alla xi jkollkom bżonn, u iżżuh ħajr. U s-sliem ta' Alla, sliem li jgħaddi kulma l-moħħ jista' jifhem, iżommilkom qalbkom u moħħkom sħaħ fi Kristu Ġesù* (Fil. 4:6-7).

Allura x'mediċina toffrilna l-Kelma ta' Alla kontra l-istress? Hija toffrilna l-opportunità li mmorru għand *Alla tat-tama, li jimliekom ilkoll bil-ferħ u s-sliem permezz tal-fidi tagħkom, sabiex it-tama tagħkom toktor bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu* (Rum. 15:13). X'għandi tabilħaqq bżonn aktar minn hekk? ■



*F'għeluq il-ħamsin anniversarju minn mewtu, infakkru l-mewt qaddisa ta' San Pio minn Pietrelcina*

VINCENT VELLA OFS



# PADRE PIO JURINA T-TRIQ

IR-RABA' PARTI

*"ITLOB, ITTAMA, TINKWETAX"*

RIFLESSJONIJIET SPIRITWALI DWAR PADRE PIO

## L-AĦĦAR MUMENTI



Ikompli Padre Pellegrino: 'Fuq ġbinu deher għaraq kiesaħ. Beżżagħni, u meta rajt li xofftejh kienu bdew jitilfu kulurhom u beda jirrepeti l-ħin kollu, 'Ġesù, Marija' b'vuċi aktar dgħajfa, qomt biex insejjaħ lil xi patri. Imma hu waqqafni fil-pront u qalli, "Tqajjem lil ħadd!" Jien xorta waħda ħriġt, u b'ħeffa kont tbegħedt ftit passi 'l bogħod miċ-ċella tiegħu meta mill-ġdid reġa' sejjaħli ħdejh. U jiena, billi ħsibt li kien sejjaħli għax ried xi ħaġa, erġajt lura. Imma meta mill-ġdid tennieli, "Tqajjem lil ħadd," jien tlabtu bil-ħniena, "Padre spiritwali, issa ħallini nagħmel jien!" U b'ħeffa ġrejt lejn iċ-ċella ta' Padre Mariano; imma meta rajt il-bieb ta' Fra Guglielmo (l-Amerikan Brother William) miftuħ, dħalt, xgħelt id-dawl u bdejt inqajmu u għedtlu, "Padre Pio jinsab ħażin!"'

Padre Pellegrino ordna lill-Fra biex imur bilqiegħda ħdejn Padre Pio sakemm hu jmur iċempel lit-tabib. Il-Fra libes il-laptu fuq il-piġama u ħareġ bla telf ta' żmien miċ-ċella biex imur ħdejh. Hemm sab lill-qaddis bilqiegħda fuq il-pultruna, imxarrab għasra bil-għaraq. Il-Fra kien inkwetat bit-tqaħqiħa li l-qaddis kellu, u bħalma għamel darba oħra qabel u kien għaddielu, reġa' poġġa relikwa tal-velu tal-Madonna fuq sider Patri Piju. Wara, minħabba li l-qaddis kien għasra, għattieh kif seta' b'xugaman. Minkejja dan kollu, din id-darba Padre Pio ħares lejh u ma qalx kelma. Ipprova jixxuttah filwaqt li qallu, "Padre, tinkwetax, l-attakk jgħaddilek illum ukoll, bħalma għaddielek nhar il-Ġimgħa." Hawn il-qaddis ħares lejh bħal donnu ried jgħidlu li hu kien jaf li din id-darba ma kienx se jgħaddi. Dak il-ħin Brother Bill irrealizza li kien irċieva grazzji kbar; dik li għal tliet snin sħaħ kien jieħu ħsieb Padre Pio b'tant imħabba flimkien ma' Padre Alessio u Padre Pellegrino, u l-grazzja li jikkonsla u jikkonforta lill-qaddis fl-aħħar mumenti ta' ħajtu.

Padre Pellegrino jkompli jirrakkonta: 'Jien ġrejt biex inċempel lit-Tabib Sala. Dan wasal wara xi għaxar minuti, u meta ħares lejn Patri Piju beda jħejji biex jagħmillu injezzjoni. Meta kollox kien lest Fra Guglielmo u jiena ppruvajna nqajmuh iżda ma rnexxilniex, u għalhekk poġġejnieh fuq is-sodda. It-Tabib għamillu l-injezzjoni u wara hu stess għenna biex mill-ġdid inpoġġuh fuq il-pultruna, filwaqt li Patri Piju kien jirrepeti b'vuċi dejjem tnin u tintefa u b'xofftejh bilkemm jitħarrku, "Ġesù, Marija."

'Sadanittant, imsejħin minni, bdew jaslu l-Gwardjan Padre Carmelo, Padre Mariano u patrijiet oħra, filwaqt li t-Tabib Sala ċempel lil Mario Pennelli, neputi ta' Padre Pio, id-Direttur Sanitarju tal-Isptar Casa Sollievo Dottor Gusso u Dottor Giovanni Scarale. Filwaqt li t-tobba fil-bidu bdew jagħtu l-ossiġnu bil-pajp, u mbagħad bil-maskra, Patri Paolo minn San Giovanni Rotondo amministralu l-griżma tal-morda. Il-patrijiet l-oħra bdew jitolbu t-talb tal-agonizzanti għarkupptejhom madwaru. Għall-ħabta tas-2.30 ta' filgħodu t Tabib Sala, wiċċu mxarrab bid dmugħ, karab, "Padre! Padre!" Patri Piju bexxaq għajnejh, ħares lejn it-Tabib u reġa' għalaqhom mill-ġdid, mejjel ftit rasu lejn il-lemin, għamel tqaħqiħa żgħira, waqaf jieħu n-nifs u bil-ħlewwa baxxa rasu fuq sidru... u miet!'

B'xofftejh ftit imbexxqa Padre Pio miet bħal għasfur. It-Tabib Sala nnota li wiċċ il-qaddis kien ftit minfuħ, isfar u bla demm. It-Tabib l-ieħor Dr Gusso qal, "Fis-2.30 a.m. dehru s-sinjali kliniċi tal-mewt, l-iktar mewt paċifika u ħelwa li qatt rajt." "Fejn se npoġġuh?" staqsa Dr Sala. Kien dak il-ħin li l-biċċa l-kbira tal-patrijiet li kienu fil-kamra rrealizzaw li Patri Piju kien miet. Il-katavru tpoġġa fuq is-sodda. Ma saret l-ebda awtopsja. Daqs għaxar minuti wara l-mewt tal-qaddis, patri minnhom ħa r ritratti tal idejn, tar riġlejn u tal-kustat ta' Patri Piju. Ma kien hemm l-ebda sinjal ta' feriti. Il-pjagi sparixxew kompletament mal-mewt tal-qaddis. Imbagħad il-ġisem mejjet ta' Patri Piju tpoġġa f'tebut tal-injam, bi stola madwar spallejh, kuruna tar-rużarju, kurċifiss u r-Regola Franġiskana f'idejh. Minħabba li l-pjagi ma baqgħux jidhru, il-



patrijiet iddeċidew li jlibbsu jdejn Patri Piju bl-ingwanti, biex jevitaw li jħawdu l-imħuħ ta' dawk li kienu se jmorru jarawh qabel id-difna.

## IL-FUNERAL TAL-QADDIS

Meta xterdet l-aħbar tal-mewt ta' Patri Piju, baħar ta' nies inġabru barra l-kunvent, tant li l-patrijiet kellhom jirrikorru għall-għajnuna tal-Carabinieri biex iżommu l-ordni. Matul il-ġurnata xmajjar ta' devoti għaddew minn ħdejn it-tebut ta' Patri Piju, li kien imqiegħed f'riġlejn l-artal tas-santwarju. Meta wasal il-lejl u l-patrijiet għalqu l-knisja sabiex il-Carabinieri setgħu jistrieħu, il-folla ta' nies li kienu għadhom barra rvellat, u hekk, wara ftit minuti, il-bibien tas-santwarju reġgħu nfetħu mill-ġdid. It-tebut ġie mgħotti bi ħġieġa għax il-patrijiet beżgħu li xi devoti fanatiċi jqattgħu xi partijiet minn ġisem Patri Piju.

Għal sittin siegħa oħra d devoti ta' Patri Piju, li waslu minn kull rokna tad-dinja, għaddew minn ħdejn it-tebut. Dan is-serbut ta' nies dam għaddej sa nofsinhar tas-26 ta' Settembru. Imbagħad it-tebut tpoġġa fuq karru tal-mejtin miftuħ u għadda mit-toroq ta' San Giovanni Rotondo. Madwar 100,000 ruħ ħonqu t-toroq li minnhom kellu jgħaddi l-korteo. Nies fit-twieqi, fil-galleriji... kullimkien kien miżgħud bin-nies, jibku u jitolbu lil dan il-qaddis biex jieqaf magħhom, hu u għaddej minn quddiemhom għall-aħħar darba. Ħafna stqarrew li fwieħa qawwija ta' ward kienet ħierġa minn ġismu mejjet. Kien diġà dalam meta l-korteo wasal lura fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja għall-quddiesa præsente cadavere li kienet iċċelebrata mill-Ministru Ġenerali tal-Ordni Kapuċċin, Padre Clement minn Schutijser, assistit minn aktar minn erbgħa u għoxrin saċerdot ieħor. Padre Clemente minn Santa Maria in Punta qara l-messaġġ mibgħut għall-okkażjoni mis-Santa Sede.

Fl-għaxra ta' filgħaxija t-tebut, bl-iskrizzjoni fuqu "Francesco Forgione twieled fi Pietrelcina fil-25 ta' Mejju tal-1887 – Miet f'San Giovanni Rotondo fit-23 ta' Settembru tal-1968", tniżżel fil qabar imħejji għalih fil kripta u kien magħluq bi blokka tqila ta' granit blu. Il-vjaġġ terran ta' Patri Piju kien wasal fi tmiemu. Il-mewta qaddisa tiegħu kienet fuq fomm kulħadd u tħabbret mill-media tad-dinja kollha. Minn dakinhar sal-lum xmajjar ta' pellegrini għadhom imorru jitolbu fuq il-qabar ta' dan il-qaddis. ■

KARIBU! MALTA
JAMES BORG CUMBO



# UNUR LI MMEXXI ORGANIZZAZZJONI VOLONTARJA LI TĦALLI TANT FROTT

IR-RABA' PARTI

*"Huwa sodisfazzjon ukoll li tara differenza fil-villaġġi minn sena għal oħra – tara li dik il-qatra fl-oċean qiegħda fir-realtà tagħmel differenza."*

James Borg Cumbo
Parteċipant mill-2013
Karibu! Malta

Ma nistax ngħid li qatt kelli xi xewqa partikolari biex inżur pajjiżi tat-tielet dinja. Ma rridx infisser li kont indifferenti għan-nies minn dawn il-pajjiżi, biss qatt ma ħassejtni li kont lest li nwarrab il-kumditajiet li jien imdawwar bihom biex nesperjenza ħajja hekk.

Kien fis-sena 2012, meta grupp ta' żgħażagħ li kont nagħmel parti minnu wera x-xewqa li jsir xogħol volontarju. Xogħol volontarju ma kinitx frażi ġdida għalija u b'hekk f'moħħi bdew ġejjin ħafna ħsibijiet bħal manutenzjoni f'xi istituzzjoni tat-tfal jew xi entità oħra. Biss beda jidher li l-ħsieb kien immirat għall-esperjenza 'l bogħod minn pajjiżna.

Wara diversi diskussjonijiet u arranġamenti fis-sajf tal-2013, uħud minn dawn iż-żgħażagħ, fosthom jiena, żorna Malindi ġewwa l-Kenja għall-ewwel darba. Bi ftehim mal-Isqof Barbara, il-grupp kien qed joqgħod ġol-istitut Kattoliku fi ħdan id-djoċesi ta' Malindi.

L-ewwel esperjenza ffukat purament sabiex il-grupp jesplora t-tip ta' faqar li kien hemm f'dan il-pajjiż, fejn hawnhekk il-klassi medja ma teżistix. F'dan il-pajjiż jew sinjur jew fqir. Naturalment hekk kif irkibna l-matatu, li huwa prattikament vann żgħir, u bdejna nżuru villaġġi ġewwa Malindi stess, bdejna naffaċċjaw realtajiet li ma konniex imdorrijin bihom aħna. Tkellimna ma' familji li qed jgħixu l-ġuħ. Familji mdaqqsa bi tfal ta' kull età li jiddependu fuq paga waħda li fil-maġġoranza assoluta tal-każijiet tkun paga miżera. Fejn forsi tfal f'Malta jagħżlu biex jieħdu l-ħobż għall-iskola u anke xi drabi jgorru għax ikun fih ingredjenti li ma jolqtux il-gosti tagħhom, meta morna nagħtu biċċa ħobż b'xejn lit-tfal f'dawn il-villaġġi, iġġennu warajna u saħansitra rrimarkawlna li wħud mit-tfal kien ilhom anke sentejn sħaħ ma jmissu biċċa ħobż. Ta' min jirrimarka wkoll li l-aċċess għal ilma nadif u tajjeb għax-xorb huwa limitat ħafna għal dawk li ma jistgħux imorru jixtru ilma ssiġillat mill-ħwienet li jinsabu kilometri 'l bogħod minn dawn il-villaġġi.

Apparti mill-ġuħ, hemm ukoll faqar kbir ta' edukazzjoni. Ir-restrizzjonijiet li għandhom it-tfal biex ikollhom opportunità ta' skola hija kbira. Dan għaliex hemm familji li ma jippermettux li t-tfal ma jmorrux jaħdmu peress li huma jkunu jridu jsostnu l-familja; mentri hemm oħrajn li l-familja ma tkunx tiflaħ tħallas miżata minima sabiex it-tfal ikollhom l-aċċess għal-lezzjonijiet. Uħud mit-tfal li jitqiesu bħala xxurtjati, għax jistgħu jmorru l-iskola faċilment, ikollhom mixja ta' xi tliet sigħat biex imorru lejn l-iskola u naturalment l-istess mixja biex jirritornaw lura d-dar.



Waqt li kont qed inżur dawn il-villaġġi, irrealizzajt kemm fil-pajjiż hemm żbilanċ kbir fil-ġid li nies differenti jħaddnu. Infatti hija kwistjoni mhux biss ta' faqar materjali iżda anke morali. Kunċett li ma stajtx nifhem huwa kif tista' tara lill-ġar tiegħek bil-ġuħ, għandek minn fejn tagħtih jiekol jew saħansitra tagħtih opportunitajiet minn fejn isostni l-familja tiegħu, u ma tagħmel xejn biex tgħinu.



Hekk kif inżilna lura Malta wara din l-ewwel żjara fil-Kenja, li laqqgħetna ma' ħafna realtajiet x'nixtarru, minħabba sitwazzjonijiet li fortunatament f'Malta ma narawx bħalhom, il-grupp iddiskuta kif seta' jgħin sabiex jagħmel differenza. Minkejja li l-grupp huwa qatra f'oċean, mingħajr dik il-qatra, l-oċean kien ser ikollu inqas volum. Qatra żgħira kemm hi żgħira, xorta kienet ser tagħmel differenza. Kien fuq dan il-ħsieb li ġie deċiż li l-grupp iwaqqaf l-organizzazzjoni Karibu! Malta – fejn minn esperjenza ta' esplorazzjoni, jibda jsir xogħol biex naħdmu fuq dak li għexna u b'hekk nagħmlu differenza fil-ħajja ta' dawn l-individwi.

Madanakollu l-grupp kellu għażla oħra x'jagħmel. Ried jiġi deċiż x'tip ta' differenza ried iħalli u għalhekk x'tip ta' azzjonijiet ried jieħu sabiex il-ġid li jsir ma jkunx wieħed temporanju iżda għal tul ta' żmien. Ukoll il-ħsieb beda jifforma fuq l-idea li nkunu katalisti tal-bidla. Għalhekk bħalma jgħid il-proverbju Ċiniż jekk tagħti ħuta lil individwu inti tkun qed tagħtih jiekol għal ġurnata. Però jekk tgħallmu jistad tkun qed tagħtih il-mezz ta' għajxien għall-kumplament ta' ħajtu. B'hekk il-grupp iddeċieda li jiffoka purament fuq l-edukazzjoni. Il-grupp ħass il-ħtieġa li lil dawn l-individwi joffrilhom l-opportunitàli jieħdu l-edukazzjoni neċessarja sabiex jersqu dejjem aktar viċin li jkissru ċ-ċiklu ta' faqar li huma u l-komunità tagħhom jinsabu fih.

Fl-ewwel sena tagħna, wieħed mill-villaġġi li serqilna qalbna kien Kipangajeni. Villaġġ remot ħafna li l-aċċess għalih kien biss billi taqsam xmara bil-mixi. Konna fil-fatt l-ewwel nies bojod li żorna dan il-villaġġ. Kif il-grupp ikkonferma li ser niffukaw fuq l-edukazzjoni, qisha ġiet ħaġa naturali li nimmiraw għal Kipangajeni bħala l-ewwel villaġġ li jibbenefika mill-għajnuna li grazzi għall-Maltin stajna noffru. Bi sfortuna kbira ma rnexxilniex inġibu l-permessi neċessarji biex nibdew ix-xogħol tagħna f'dan il-villaġġ u b'hekk fl-2014 żorna Ruiru minflok Malindi.

Ruiru huwa villaġġ viċin ħafna tal-belt kapitali tal-Kenja – Nairobi. Hemmhekk konna qed noqogħdu għand is-sorijiet tal-Ulied il-Qalb ta' Ġesù. Is-sorijiet xtaqu estensjoni mal-iskola li kien hemm eżistenti biex tintuża bħala kċina sabiex isajru ikliet għal dawk in-nies li ma kellhomx saqaf fuq rashom. Din il-kċina tintuża wkoll għall-lezzjonijiet relatati mat-tisjir.

Hekk kif kien lest dan il-proġett, ġew il-permessi għal Kipangajeni. B'hekk fit-tielet sena tiegħi ġewwa l-Kenja, fis-sena 2015, tnieda proġett ta' sentejn. Fl-ewwel sena nbniet sala li kellha bosta funzjonijiet. Kienet qed tintuża bħala kindergarten għat-tfal iż-żgħar, post fejn tiltaqa' l-komunità, kif ukoll kappella. Sabiex in-nies tal-lokal jedukaw irwieħhom fuq l-iġene pubblika, ġew introdotti wkoll l-ewwel latrini pubbliċi fil-lokal.

Fit-tieni sena ta' xogħol f'Kipangajeni, fl-2016, kompla l-bini, biss din id-darba nbnew żewġ klassijiet u żieda ta' żewġ latrini oħra. Ġie nnutat li peress li l-aċċess għall-ilma nadif kien remot ħafna, ir-residenti kienu qed jikkunsmaw ilma kkontaminat li kien qed jikkaġunalhom infezzjonijiet

permezz ta' dud li kien qed jitrabba ġol-istonku tagħhom. Bħala soluzzjoni, il-parteċipanti tas-sena 2016, ħadmu kanal tal-ilma madwar is-sala li saret fis-sena 2015 biex b'hekk jinġabar l-ilma tax-xita ġo tank imdaqqas u jkun hemm aċċess għall-ilma nadif.



Fl-2017, il-ħames sena tal-grupp ġewwa l-Kenja, tnieda proġett ġdid li huwa stmat li se jieħu mat-tliet snin. Karibu! Malta daħal għall-bini ta' sala u skola sħiħa li tikkonsisti minn tmien klassijiet u tliet uffiċini fi Mbaoni. Mbaoni huwa villaġġ ieħor li huwa maqtugħ għalih. F'dan il-villaġġ jgħixu madwar tliet mitt tifel u tifla u l-uniku aċċess ta' skola li għandhom bħalissa huwa ta' żewġ klassijiet mibnija miz-zkuk, bla bankijiet, u biex imorru kollha ssirilhom bħal skeda bil-ħinijiet ta' meta jattendu.

Kien ta' sodisfazzjonkbir għalija li servejt bħala president tal-organizzazzjoni u kont parti minn kull esperjenza li saret f'dawn l-aħħar ħames snin. Huwa sodisfazzjon ukoll li tara differenza fil-villaġġi minn sena għal oħra – tara li dik il-qatra fl-oċean qiegħda fir-realtà tagħmel differenza.

Grazzi kbira lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu jew jixtiequ jkunu ta' sapport għal Karibu! Malta. Inħeġġeġ ukoll liż-żgħażagħ biex jissieħbu magħna ħalli jħossuhom parti minn din id-differenza. ■




FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap



# TAMA ĦAJJA GĦAL ĠEJJIENI AĦJAR FIL-KNISJA U FID-DINJA

Is-sena 2018 ma kenitx waħda ħafifa għall-Knisja Kattolika fid-dinja, u għalhekk xejn inqas ma kienet għall-Papa Franġisku, li fit-13 ta' Marzu li ġej jibda s-seba' sena tiegħu bħala Papa. L-aħbarijiet minn diversi pajjiżi madwar id-dinja, uħud veri u ppruvati, waqt li oħrajn mibnijin fuq xnigħat jew diskorsi vagi dwar abbużi, jew ħabi ta' abbużi, jew nuqqasijiet oħrajn, għamlu ħoss kbir. Min verament iħobb il-Knisja jitnikket, imma aħna konvinti li minn dan il-Knisja, bħal fi provi oħra, toħroġ aktar kif riedha Ġesù, għalkemm jista' jieħu ż-żmien. Il-mira tal-Papa u l-laqgħa li sejjaħ fi Frar, tal-presidenti tal-konferenzi episkopali tad-dinja, ġa juru dan.

## KURAĠĠ U OPPORTUNITAJIET ĠODDA

Iżda barra dan, is-sena ntemmet b'żewġ aħbarijiet kbar u sbieħ li żgur ser jiftħu triq ġdida għall-Knisja, b'mod speċjali f'dawk il-pajjiżi fejn jew hija ppersegwitata jew tollerata jew iħarsu lejha wkoll b'suspetti. Hekk l-Insara għandhom sfidi ġodda u opportunitajiet kbar quddiemhom. Nirreferi fuq kollox għall-ftehim li ġie ffirmat fit-22 ta' Settembru bejn il-Vatikan u ċ-Ċina, u l-ieħor fl-20 ta' Diċembru mal-Vjetnam. Fuq kollox aħna, bħala Maltin, nifirħu aktar, għax il-persuna min-naħa tal-Knisja Kattolika li mexxiet dawn it-taħditiet għall-aħħar snin kienet Mons. Antoine Camilleri, li huwa s-Sotto-Segretarju għar-Relazzjonijiet mal-Istati, li jfisser li jwettaq ħidma bħala Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Knisja.

Il-kwa minnu li d-dettalji għadhom mhux magħrufin, almenu sal-mument li qed nikteb dawn il-ftit kelmiet; imma huwa fatt li ntgħelbu bosta diffikultajiet tal-bidu, il-fiduċja fiż-żewġ naħat żdiedet ħafna, u fuq kollox sar qbil li d-djalogu jkompli bis-serenità meħtieġa għal aktar frott konkret fil-ġejjieni, anke dak qrib. U dan b'fejda kbira għall-Knisja, għall-Insara, u kif intqal anke fl-aħbar uffiċjali, għall-progress innifsu fl-istess pajjiżi u għaċ-ċittadini kollha.

## IL-FROTT BEDA JIDHER

L-ewwel frott, b'mod speċjali tal-ftehim maċ-Ċina, kien is-sehem ta' żewġ isqfijiet Ċiniżi fis-Sinodu taż-Żgħażagħ, b'ħafna emozzjonijiet u dmugħ ta' ferħ, anke sal-Papa nnifsu, quddiem kulħadd. B'dal-ftehim ġiet imneħħija l-iskomunika tal-Knisja li kien hemm fuq is-seba' isqfijiet li kien fadal minħabba li kienu ġew ikkonsagrati mingħajr l-approvazzjoni tal-Papa. Hekk għall-ewwel darba wara 60 sena l-Knisja Kattolika fiċ-Ċina issa hija ħaġa waħda magħquna bit-tbatija ta' ħafna. L-istess bħalma kien ġara fl-Ungerija meta l-Kardinal Mindzenty kien ġie kkundannat għall-mewt u wara kenn għal 15-il sena fl-ambaxxata Amerikana ġie msejjaħ il-Vatikan, fejn miet wara erba' snin fl-1975.

## MONS. CAMILLERI, IL-VJETNAM, L-ALĠERIJA

Id-djalogu mal-Komuniżmu kompla ssaħħaħ mhux ftit bil-ftehim tal-20 ta' Diċembru mal-Vjetnam: diskussjonijiet li wkoll kienu mmexxija minn Mons. Camilleri. Hemmhekk ix-xena hija diversa imma twassal għall-istess mira. Il-ftehim jinkludi li l-ewwel nett it-taħditiet ikomplu, biex ir-rappreżentant tal-Vatikan ikun permanenti b'residenza fil-post. U dan ikun ifisser ħafna 'l quddiem, l-aktar minħabba n-nomina ta' isqfijiet ġodda u t-twaqqif ta' djoċesijiet ġodda.

Imma barra dan id-djalogu mal-Komuniżmu f'Diċembru, sar pass ieħor importanti mal-Iżlam. Għax tassew meta jkun hemm



*Mons. Antoine Camilleri*



*Mons. Antoine Camilleri flimkien mal-Prim Ministru tal-Vjetnam Nguyen*

rieda tajba miż-żewġ naħat u fiduċja, kollox jista' jseħħ, avolja jieħu ż-żmien. Hekk fit-8 ta' Diċembru li għadda, għall-ewwel darba fl-istorja mhux biss reċenti imma fil-medda ta' bosta sekli, saret l-ewwel ċerimonja tal-beatifikazzjoni f'pajjiż Iżlamiku. Din seħħet fl-Alġerija, fejn l-Insara u l-Kattoliċi huma f'għadd mhux kbir! Ta' min jgħid, mingħajr ma jnaqqas ebda mertu għal dan, li ċerimonji hekk għamilhom il-Papa San Ġwanni Pawlu II, bħalma kien għamel f'Malta fid-9 ta' Mejju 2001; imma dawn qatt ma saru f'pajjiżi magħrufin li jħaddnu l-Iżlam.

Imma mhux hekk sar fit-8 ta' Diċembru li għadda. Il-Kardinal Giovanni Angelo Becciu, li jmexxi l-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin u fuq kollox bħala delegat tal-Papa nnifsu, iddikjara 20 martri li fl-1995 ġew maqtula fl-Alġerija bħala beati. U dan bi spirtu ta' djalogu u ftehim



*L-Isqfijiet Ċiniżi waqt is-Sinodu*

mal-awtoritajiet Musulmani tal-post. U huwa ttamat li dawn l-istess beati ġodda jidħlu għall-Insara kollha li jgħixu u jistqarru 'l Kristu, u biex din it-triq titkompla wkoll f'oqsma oħra. Fost il-beati hemm Sr Angèle-Marie Littlejohn, li missierha kien Malti minn Ħal Għargħur u kien mar l-Alġerija. Hi twieldet l-Alġerija, saret soru mas-Sorijiet Missjunarji ta' Marija Sultana tal-Appostli u ħadmet l-Alġerija għal bosta snin sa mewtha.

## U FL-IRAQ U FL-EMIRATI GĦARAB

U fl-Iraq, pajjiż fejn l-Insara huma anqas minn 5%, il-gvern iddikjara li mis-sena 2018 jum il-Milied ikun festa pubblika għall-ewwel darba, u dan biex jitfakkar, tgħid l-istqarrija uffiċjali, "it-twelid ta' Ġesù Kristu". Fil-fatt il-messaġġ tal-gvern dakinhar kien jawgura: "Il-Milied hieni liċ-ċittadini tagħna li huma Nsara, lill-Iraqin kollha u lil dawk kollha li qed jiċċelebraw madwar id-dinja."

U dan l-ispirtu ta' djalogu u fraternità jkompli jissaħħaħ bil-vjaġġ appostoliku li l-Papa Franġisku se jagħmel fil-qalba tal-Iżlam, fl-Arabja Sawdija, mit-3 sal-5 ta' dax-xahar ta' Frar. L-Isqof Kapuċċin Paul Hinder, li jmexxi l-Vigarjat Appostoliku tal-Arabja Sawdija, li jinkludi l-Oman u l-Jemen, stqarr il-gratitudni tiegħu lill-gvern tal-Emirati Għarab Magħquda li għamel dan possibbli, u fuq kollox li l-Papa jista' jqaddes quddiesa f'Zayed Sports City Stadium f'Abu Dhabi fil-5 ta' Frar, u li ser tkun imxandra dirett fuq it-televixin. Fl-aħbar uffiċjali l-gvern stqarr li "l-Papa Franġisku huwa simbolu ta' paċi u tolleranza li jġib 'il quddiem il-fraternità... waqt li



*Mexxejja Għarab flimkien mal-Papa Franġisku*

ikoll inkomplu nfittxu d-djalogu mibni fuq l-eżistenza flimkien fil-paċi fost il-popli."

Imma d-djalogu mal-Iżlam u r-reliġjonijiet l-oħra, li huwa fil-mira ta' quddiem fl-appostolat tal-Papa Franġisku, dis-sena 2019 ser jitkompla b'pass sod u determinat ukoll fil-vjaġġi appostoliċi l-oħrajn, kemm fl-Ewropa tal-Lvant, li huma ġa kkonfermati, kif ukoll bil-possibilità ta' oħrajn fl-Afrika u aktarx fil-Ġappun, u fil-ħidma tal-Knisja kollha. U jilħaq il-quċċata tiegħu fix-xahar missjunarju, Ottubru li ġej, li jfakkar il-mitt sena mill-enċiklika tal-Papa Benedittu XV dwar din il-kwalità essenzjali tal-Knisja, "li toħroġ" biex ixxandar 'il Kristu. U fuq kollox dan lilna l-Franġiskani jkompli jħeġġiġna nkompluh waqt li qed infakkru s-700 sena mindu Missierna San Franġisk innifsu mar iwettaq xewqa li dejjem kellu, li jibni djalogu mas-Sultan tal-Eġittu Malik al-Kamil qrib Settembru 1219. Hekk il-Papa Franġisku qed juri wkoll bil-fatti dak li qal fit-22 t'Ottubru 2017:

*"B'dan il-mod l-Aħbar it-Tajba, li f'Ġesù l-maħfra tirbaħ fuq id-dnub, il-ħajja tegħleb il-mewt u l-imħabba ssaltan fuq il-biża', tkompli titħabbar lid-dinja b'ħeġġa ġdida li tispira fiduċja u tama f'kulħadd."* ■

JOSEPH C. CAMILLERI
BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)



*L-EWWEL ĊENTINARJU*
*MIS-SETTE GIUGNO (It-2 Parti)*

# META D-DEMM MALTI ĠERA FIT-TOROQ TAL-BELT VALLETTA 1919 - ĠUNJU - 2019

## IL-QAGĦDA POLITIKA MALTIJA

Id-drittijiet tal-poplu Malti kienu ilhom sejrin lura. Ix-xena politika Maltija kienet tal-biki. Fl-1907 Winston Churchill, meta kien l-Under-Secretary of State Ingliż, wiegħed li jekk il-kunsilliera Maltin jattendu l-Kunsill tal-Gvern, il-Gvern Imperjali Ingliż kien jikkunsidra l-ħtiġijiet tal-Maltin. Il-Maltin emmnu lil Winston Churchill u mxew fuq il-parir tiegħu. Sentejn wara




żewġ rappreżentanti tal-poplu Malti – Francesco Azzopardi u l-Markiż Mattei – ħallew Malta għal Londra biex jippreżentaw it-talba ta' gvern responsabbli. Minn gvern responsabbli l-Gvern Imperjali Ingliż ħatar żewġ membri Maltin bħala kunsilliera biex jattendu l-Kunsill Eżekuttiv.

Biex il-Maltin juru lill-Gvern Imperjali Ingliż id-dwejjaq u l-frustrazzjoni tagħhom minħabba l-imġiba tiegħu mill-1912, il-membri tal-Comitato Patriottico bdew jitolbu riformi fil-kostituzzjoni. Huma riedu kontroll fuq il-finanzi. Huma bdew jipprotestaw billi jirriżenjaw mill-Kunsill tal-Gvern. Francesco Azzopardi biss ma ħax sehem f'dawn il-protesti. Hu żamm postu fil Kunsill tal Gvern sas sena 1915. Dan l-aġir tiegħu tellfu l-popolarità min-naħa tal-poplu Malti.

Biex il-politiku Malti jkompli jitlef it-tama fil-mexxejja tal-Imperu Ingliż, meta l-Prim Ministru Ingliż Asquith żar Malta fl-1912 wera li kellu f'moħħu aktar l-interessi strateġiċi tal-Imperu Ingliż milli



l-ħtiġijiet u l-kundizzjonijiet soċjali tal-poplu Malti.

L-Ewwel Gwerra Dinjija kellha effetti kbar fuq l-Ewropa. Ħafna pajjiżi twieldu. Tliet imperi mietu. F'Malta l-influwenza tal-gwerra kienet it-trattat tal-paċi ta' Versailles. F'dan it-trattat ħafna razez Ewropej kisbu d-drittijiet. F'Malta twieldu żewġ tipi ta' ideat – il-kamp progressiv immexxi minn Dr Enrico Mizzi u l-kamp moderat immexxi minn Dr Filippo Sceberras. L-ideat tas-sehem fit-tmexxija ħarġu aktar qawwija meta sas-sena 1919 bdew jaslu Malta diversi emigranti Russi, li ħarbu min-nies tar-Rivoluzzjoni Bolxevista. Xi wħud tefgħu l-ankri Malta. Dawn bdew jitħalltu mal-Maltin u l-politiku Malti seta' jqabbel dak li kien qed isir fir-Russja ma' dak li kien qed jagħmel il-Gvern Imperjali Ingliż.



Fix-xena Maltija deher Manwel Dimech. Permezz ta' dan il-bniedem twieldet ix-Xirka tal-Imdawlin. Dan beda jitkellem fuq il-kundizzjonijiet soċjali li sabu ruħhom fihom il-familji tal-ħaddiema. Meta ġie biex jipprotesta kontra t-tmexxija kolonjali, fl-1914, hu ġie arrestat u eżiljat lejn l-Eġittu. L-effetti ta' Manwel Dimech kienu kbar, l-aktar meta fl-1916 twaqqfet l-Imperial General Workers Union. Sena wara, sewwasew fis-7 ta' Mejju 1917, il-ħaddiema tat-Tarzna ħarġu fuq strajk, l-ewwel strajk fl-istorja ta' Malta.

Anke Dr Enrico Mizzi messitu l-istess xorti. Mill-1915 Dr Mizzi beda jidher f'għajnejn il-Maltin bħala l-mexxej nazzjonali. Jum wieħed ġie arrestat u akkużat li kien qed ixewwex il-ħaddiema Maltin b'ideat favur l-għaqda mal-Italja. Tressaq quddiem il-Qorti u ġie mitfugħ il-ħabs fil-barracks tal-Verdala f'Bormla.

## IR-RIŻULTAT TAL-QAGĦDA EKONOMIKA

Il-ħaddiema Maltin, dawk li kienu ferħanin li kellhom impjieg, ma kinux kuntenti. Fost dawn il-ħaddiema konna nsibu l-ħaddiema tal-posta, il-pulizija u l-għalliema. L-għalliema kellhom il-kuraġġ li jwaqqfu union fl-1919 – il-Malta Union of Teachers. Min-naħa l-oħra, it-tagħlim ta' Manwel Dimech wassal biex f'Malta ġie mwaqqaf partit politiku – il-Labour Party fl-1921. Ta' min jgħid li l-ħaddiema tat-Tarzna u dawk li kienu jaħdmu mal-gvern sabu li ż-żidiet fil-paga ma kinux biżżejjed biex jilqgħu għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-affarijiet tal-ikel, tant li l-istrajk tal-1917 beda wara li ġiet offruta żieda ta' 10% fil-paga.

Jekk il-ħaddiema ma kinux kuntenti, tant ieħor ma kinux is-sinjuri. Il-gvern kolonjali daħħal żewġ tipi ta' taxxa ġodda mingħajr ma kkonsulta l-poplu Malti – it-taxxa tas-suċċessjoni u t-taxxa tad-donazzjoni. Is-sinjuri waqqfu front – l-Assemblea Sant Fournier. Din l-assemblea sabet is-sapport sew tal-isqfijiet Maltin kif ukoll ta' Lord Strickland, nobbli Malti. *(ikompli)*


**Ir-referenzi:**

Galea Scannura C., 'The Sette Giugno Affair', *Heritage*, Vol. I, Midsea Books Ltd, Malta 1979.

Vella Y., *The Maltese History Sec. Level – From the coming of the Knights to E.U. membership*, History Teachers' Association Publication, Malta 2008.

Borg D., Net News 27-v-2018.

FR CHARLES BUTTIGIEG



# ĦARSITNA F'WIĊĊ ĠESÙ

Miktub minn Angelo Xuereb

**MIXJA MA' KRISTU FIS-SENA LITURĠIKA TAL-KNISJA**

Għal darba oħra ktieb utli li għandu jkun f'idejna f'dawn il-granet meta qed nibdew sena ġdida, miktub mill-kittieb Angelo Xeureb, soċju tal-Museum, u stampat fil-Gozo Press ta' Għawdex. Il-ktieb huwa stedina għalina lkoll, b'mod partikolari dawk li qegħdin ifittxu lil Kristu f'ħajjithom, u li dejjem jittamaw fid-dawl tal-qawmien ta' Kristu, li fuq kollox huwa l-qawmien ta' kull wieħed u waħda minna.

Wara l-preżentazzjoni, li tiddeskrivi l-kontenut u t-tagħlim bibliku u spiritwali tal-ktieb, miktuba mill-biblista magħruf Mons. Lawrenz Sciberras u d-Daħla mill-awtur Angelo Xuereb, għandna erba' taqsimiet marbuta mal-Milied, mal-Ġimgħa Mqaddsa, mal-Għid u ma' festi oħra fil-liturġija. Fihom insibu tagħlim utli dwar Kristu u fl-istess ħin qishom prietka kontinwa, li jiffokaw fuq il-misteru tal-imħabba ta' Kristu, li laħqet il-qofol tagħha fl-ikbar siegħa, dik tas-salib u tal-qawmien tiegħu mill-mewt. Fl-aħħar għandna talba verament sabiħa lil Ġesù msallab, ta' San Franġisk ta' Assisi. Anke l-illustrazzjonijiet sbieħ fil-ktieb ikomplu jgħinuna nikkontemplaw il-misteru ta' Kristu.

Permezz tal-ktieb Angelo Xuereb irid jagħtina din l-aħbar it-tajba tal-ferħ tal-Milied u tar-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt, li d-dinja tal-lum, mifnija b'tant ġlied u mibegħda, tant għandha bżonn. Kristu rxoxt qered il-bniedem il-qadim fid-dnub u ġab id-dawl tas-salvazzjoni għall-bnedmin kollha. Din mhijiex xi fake news imma hija 'aħbar tassew vera'. Għalhekk huwa importanti li l-bniedem tal-lum jgħix u jilqà din l-istedina ta' Ġesù. Din hi r-risposta għal dawk li qegħdin ifittxu l-verità fil-fond ta' qalbhom, li ħafna, minflok ma jersqu aktar qrib tagħha, jitbiegħdu minnha. Il-verità tal-qawmien ta' Kristu hija l-prova l-iktar importanti tal-Kristjaneżmu. Il-qabar 'vojt' li ħalla Kristu wara l-qawmien huwa qabar 'miftuħ', qabar 'mimli' bi preżenza, qabar li jitkellem u mhux sieket, qabar li jipproklama r-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt, qabar mirbuħ minn Kristu, qabar li l-għar tiegħu jerġa' jeħodna lejn l-għar ta' Betlehem sabiex jurina li l-istess persuna li twieled u li tlieta u tletin sena wara ssallab għalina, huwa tassew l-"Immanuel" – Alla magħna. Dan huwa l-messaġġ li jrid jagħtina dan il-ktieb.

Nifraħ lill-ħabib tiegħi Angelo Xuereb, li għal darba oħra kiteb bir-reqqa, u b'esperjenza fit-tagħlim u fil-kitba ħejja b'mod eċċellenti l-materjal ta' dan il-ktieb. Il-ktieb huwa żgur utli għal dawk kollha li jixtiequ jagħmlu mixja ta' konverżjoni u fidi vera u l-meditazzjonijiet li fih huma utli għall-gruppi ta' talb u laqgħat diversi fil-parroċċi. Fuq kollox jista' jintuża għall-jiem ta' eżerċizzi, irtiri personali u għall-predikazzjoni. Il-ktejjeb jista' jingħata bħala rigal f'diversi okkażjonijiet. Għalhekk titilfux din l-okkażjoni unika biex tirċievu din l-aħbar it-tajba u takkwistaw kopja ta' dan il-ktejjeb mingħand l-awtur innifsu jew tibagħtu fil-posta elettronika tiegħu: angeloxuereb@gmail.com.



TONY C. CUTAJAR



# TFAL ĠENJI - YANO SHO

Sho Timothy Yano (矢野 祥) twieled fit-22 ta' Ottubru 1990 f'Portland, Oregon, USA, minn missier mill-Ġappun u omm mill-Korea ta' Isfel. It-tnejn kienu ggradwati iżda waqt li l-missier kien bniedem tan-negozju, l-omm baqgħet id-dar biex trabbi t-tfal. Jingħad li Sho beda jikteb ta' sentejn, jaqra ta' tliet snin u jdoqq mużika klassika fuq il-pjanu ta' erba' snin. Kien idoqq biċċiet sħaħ ta' Mozart u jqatta' ħafna mill-ħin liberu tiegħu fuq il-pjanu, għalkemm kien isib ħin biex jgħum u għat-tae kwon do. Ftit kien jara televiżjoni u qatt ma lagħab il-logħba tal-video Nintendo. Lanqas ma kellu xi posters ta' Britney Spears fil-kamra tiegħu u ftit kellu interess fil-mużika pop jew heavy metal. Minflok, kien jedha bl-artikli tal-gazzetti dwar ir-riċerka fuq il-ġenetika. Iktar ma kiber iktar sar midħla tal-kompożituri klassiċi, l-iktar fosthom Bach. Safrattant qatt ma fittex li jkun trattat differenti minn ħaddieħor u l-attenzjoni żejda kienet iddejjqu.

Ta' ħames snin kien jikkomponi l-mużika u kiteb 29 kanzunetta, l-iktar waħda favorita kitibha biex ma jiġix fl-inkwiet mal-ġenituri tiegħu wara li bekka lil oħtu ż-żgħira Sayuri. Darba kienu sejrin id-dar bil-karozza f'lejl mingħajr qamar. Meta qal lil oħtu li kien hu li bela' l-qamar, dik qabdet tibki. Qabad jispjegalha b'mod



xjentifiku dwar il-qamar ġdid u dik iktar bkiet. Beża' li kien se jkollu l-inkwiet għalhekk kif waslu d-dar, tela' jiġri fuq u f'ħames minuti kiteb melodija li semmieha *Rabbit Dance.* Il-kanzunetta tant ġagħlet lil Sayuri tidħaq li l-ġenituri malajr insew kollox. Kultant kien jiġi kkastigat iżda l-ikbar kastig dejjem kien meta ma kienx jitħalla jmiss il-kotba. Il-ġenituri għamlu minn kollox biex binhom ikollu bilanċ fil-ħajja, ħin għal-logħob, ħin għall-knisja u ħin għal kollox. Iżda ma setgħux iwaqqfuh minn ċerti attivitajiet bħal meta qara l-Bibbja minn qoxra sa qoxra għal tliet darbiet.

Bħala tifel mar l-iskola Mirman f'California li hija skola għal tfal ta' intelliġenza ogħla. Hemm huwa qatta' xi snin għalkemm ommu kienet tgħinu d-dar anke jekk kien aħjar minn sħabu fl-iskola. Meta tfal tamparu kienu qed jitgħallmu l-fractions u l-bliet kapitali tad-dinja, hu kien jistudja pre-med u jikteb dokumenti fuq il-proposti tal-kandidati presidenzjali George W. Bush u Al Gore dwar is-saħħa. L-IQ tiegħu kien madwar 200, ħafna ogħla minn ġenji oħra. Tant hu hekk li xi skejjel primarji għall-elit qalu li kien intelliġenti wisq biex jattendi fihom. Ta' tmien snin huwa ġab marka ta' 1,500 minn 1,600 fl-eżami SAT u din ma kinitx xi ħaġa kbira għax Bill Gates kien ġab 1,600, iżda Bill Gates ma kellux tmien snin.

Meta kellu disa' snin huwa xtaq sfidi ikbar u talab bil-ħerqa biex jieħu edukazzjoni universitarja. Għalhekk huwa daħal fl-Università ta' Loyola f'Chicago fejn kien iqatta' s-sigħat fil-laboratorju tal-bijoloġija jistudja retroviruses fil-pjanti tas-soybean. Biex jilħaq il-mikroskopji kellu bżonn banketta għax kien fih biss 4 piedi u 7 pulzieri. Sħabu spiss kienu jwaqqgħuh għaċ-ċajt għax kienu jgħidu li kien żgħir wisq ħdejhom. Fil klassi tal bijoloġija anke l-professur sab diffikultà hu u jgħallem dwar ir-riproduzzjoni. Kif taqbad tispjega lil tifel ta' 9 snin dwar ġisem il-mara u r-raġel? U dak kien għadu l-bidu.

Fl-ewwel kompożizzjoni li ppreżenta, Sho kiseb A- u fl-ewwel eżami tal-kimika ġab marka ta' 106 minn massimu

ta' 108. Ippreżenta dokumenti tar-riċerka b'titoli bħal *Structural and Functional Components of Putative Plant Retrotransposon Diaspora.* Fl-ewwel sena huwa ħareġ ktieb għal pubblikatur Ġappuniż dwar l-ewwel sena tiegħu fil-Loyola bl-isem ta' *The Diary of a Wonder Boy* u ġabu l-istorja tiegħu fl-ewwel paġna tal-gazzetta *Chicago Tribune.*




Ta' 12-il sena Sho ggradwa *summa cum laude.* Wara, huwa ngħata borża ta' studju biex imur fl-Iskola tal-Mediċina Pritzker fl-Università ta' Chicago. Tifel mistħi, jitkellem kważi minn taħt l-ilsien għax leħnu kien għadu ma tbiddilx, Sho reġa' sab min jikkritikah li kien għadu tifel u bħala tabib il-pazjenti jieħdu xokk meta jarawh. Anke l-awtoritajiet ħadu qatgħa meta rawh għall-ewwel darba iżda ma damux ma baqgħu b'ħalqhom miftuħ meta beda jwieġeb il-mistoqsijiet diffiċli tagħhom b'ħafna ħsieb u maturità. Skont l-assoċjazzjoni tal-American Medical Colleges, inqas minn wieħed fil-mija mill-istudenti fil-mediċina għandhom inqas minn tmintax-il sena. Fl-università kien hemm ċerti sfidi, speċjalment dawk soċjali. Diffiċli li tifel ta' għaxar snin jagħmilha ma' ġuvintur u tfajliet ta' 18, 19-il sena għax jew jiġi mwarrab u jħossu waħdu żżejjed jew inkella jaqsam l-esperjenzi maturi tagħhom. Sho ma kellux għażla oħra u pprova mill-aħjar li seta' li jgħix ħajja normali anke ma' dawk l-istudenti ħafna ikbar minnu.

U għalkemm saqajh kienu għadhom ma jwasslux sal-art meta jpoġġi f'postu, il-professuri tiegħu kienu jgħidu li kien iwieġeb il-mistoqsijiet qabilhom. Fl-istess ħin kien jistudja l-bijoloġija, il-mużika u l-kompożizzjoni bl-Ingliż. Kien f'dan iż-żmien li kiteb studju dwar il-konnessjoni bejn il-kanċer u t-telefon ċellulari. "Fil-ġrieden ir-radjazzjoni mit-telefon ċellulari jikkawża tumur," qal Sho dwar ir-riċerka tiegħu. Mistoqsi għaliex kien iddeċieda li jibda karriera fil-mediċina, huwa wieġeb li kien qara l-Bibbja ħafna drabi u xtaq ħafna jgħin lil dawk li jkollhom bżonn l-għajnuna. U mill-Università ta' Chicago Sho ggradwa Ph.D. fil-molecular genetics u cell biology meta kellu 18-il sena. Fl-2009 reġa' daħal fl-istess università medika biex itejjeb it-tagħrif li kellu dwar il-misteri tal-mediċina.

"Irrid in-nies ikunu jafu li t-talent li għandi ġej minn Alla," stqarr darba minnhom, "u bħsiebni nużah kemm nista' għal ħaddieħor." Jgħid illi jħossu obbligat ħafna lejn ommu għas-suċċessi li kiseb għax hi ndunat l-ewwel bil-kapaċitajiet intellettwali li kellu u inkuraġġietu u għenitu fl-istudju tiegħu, bħalma għamlet ma' oħtu Sayuri li wkoll għandha talenti akkademiċi kbar fl-istudju u fil-mużika. Sho jgħid li darba ommu kienet qaltlu dwar tifel ieħor ġenju li l-IQ tiegħu kien 220. Meta dan it-tifel kiber m'għamel xejn bit-talent li kellu u ma nstema' xejn iżjed fuqu. Sho huwa determinat li ma jiġrix l-istess lilu. "Jiena għandi mira fil-ħajja u ma rridx li nfalli. Jiena ma nqisx lili nnifsi bħala ġenju. Alla tani ċerti doni ikbar minn ta' ħaddieħor, u ma rridx naħlihom."

Ta' 21 sena Sho Yano sar it-tieni l-iżgħar student li ggradwa MD fl-Università ta' Chicago. Skont in-*New York Times*, dan ir-rekord għamlu Dr Bala Ambati li fl-1995 sar tabib f'Mount Sinai School of Medicine fi New York fl-età ta' 17-il sena. ■

EMANUEL MICALLEF



# L-ILSIEN HUWA NAR KIF TIMMANSA LSIENEK (Ġakbu 3:1-12)

*Fuq irħama fiċ-ċimiterju nsibu din il-kitba:*
*Taħt din l-irħama jinsab midfun Lawrence Chetcuti,*
*li fl-erbgħa u għoxrin ta' Lulju 1961 beda jrażżan ilsienu.*
*Fost l-għemejjel li bihom insiru qaddisin jew le nsibu l-ilsien!*



S. 141:3: "Qegħedli, Mulej, ilġiem fuq fommi; agħmilli l-għassa ma' bieb xufftejja."

Rum. 3:13-14: "Ħalqhom bħal qabar miftuħ; bi lsienhom iqarrqu; taħt xufftejhom hemm il-velenu tas-sriep; fommhom mimli saħtiet u mrar."

**Biex nimmansaw ilsienna rridu nagħrfu l-kobor tremend tal-battalja li qed nitqabdu.**

Naqraw: Ġakbu 3:1-12

Erba' veritajiet jgħinuna nagħrfu nimmansaw/ nikkontrollaw ilsienna:

**1. Biex nimmansaw l-ilsien irridu nirrikonoxxu li se jintalab kont minna dwar x'ngħidu (3:1-2).**

Ġakbu jimmira dritt għall-ilsien u jgħid: Jekk xi ħadd ma jiżbaljax f'dak li jgħid, **"dan ikun perfett".** Ġesù qal (Mt. 12:36-37), "U nghidilkom li l-bnedmin f'jum il-ħaqq għad iridu jagħtu kont ta' kull kelma fiergħa li jkunu qalu, għax minn kliemek tkun iġġustifikat u minn kliemek tkun ikkundannat." Neħtieġu li nitolbu maħfra lil Missierna u lil min inqasnieh bi lsienna.

**2. Biex nimmansaw ilsienna rridu nirrikonoxxu l-qawwa tiegħu għat-tajjeb jew għall-ħażin (3:3-5a).**

Hemm xebh fis-sens ta' min jinfluwenza d-direzzjoni. San Ġakbu qed jgħid li l-ilsien kapaċi jagħti direzzjoni lil ħajjitna. Jekk ma nikkontrollawhx idaħħalna fl-inkwiet!

L-ilġiem u t-tmun jagħtu direzzjoni. Bl-istess mod, il-bniedem il-ġdid maħluq fuq ix-xbieha ta' Ġesù jrid jikkontrolla l-ġibdiet tal-bniedem il-qadim u jkun taħt il-kontroll mimli għerf ta' Alla biex ikun jista' jagħmel il-ġid.

Proverbji 12:18 jgħid, "Min iqassas bi lsienu jinfed bħal sejf, imma lsien l-għorrief idewwi."

**3. Biex nimmansaw l-ilsien irridu nirrikonoxxu li hu għajn ta' ħażen terribbli li umanament ma tikkontrollahx (3:5b-8).**

Alla biss jista' jimmansah. Hu l-Ispirtu s-Santu li jgħammar fina li jagħtina l-ħila (il-frott) li rrażżnu (nikkontrollaw/ nimmansaw) kull parti minn ġisimna u moħħna.

**4. Biex nimmansaw l-ilsien irridu nirrikonoxxu li l-burdati tiegħu jsibu l-għeruq tagħhom mill-għajn tiegħu (3:9-12).**

Kif nistgħu naċċettaw li nbierku lil Missierna u nisħtu lil uliedu? Ġakbu hu dirett (3:10b): "Dan m'għandux ikun, ħuti."

Il-punt li qed jaghmel Ġakbu hu bħal ta' Ġesù (Mt. 12:34): "Ja nisel ta' lifgħat, kif tistgħu titkellmu tajjeb meta intom ħżiena? Għax mill-milja tal-qalb jitkellem il-fomm." Ġesù qal ukoll (Mt. 15:18), "Imma dak li joħroġ mill-fomm joħroġ mill-qalb, u dan hu li jtebba' lill-bniedem." ■

# MID-DJARJU TAL-KAPUĊĊINI MALTIN

## AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA



## FRAR 2019

BR MIGUEL ZAMMIT OFMCap
SEGRETARJU PROVINĊJALI

### 1. FR MARIO ATTARD JIPPARTEĊIPA F'KONFERENZA



Nhar il-Ġimgħa, 26 t'Ottubru 2018, Fr Mario Attard ġie mistieden biex jitħaddet fil-konferenza li organizzat l-MUMN (Malta Union of Midwives and Nurses) fuq it-tema "Death and Dying: Supporting the Journey". Ħuna Mario tħaddet dwar it-tema "Anointing of the sick: God's presence among the suffering". Mario telaq mill-punt li l-preżenza tal-kappillan fl-isptar, fiha nnifisha, hi sagramentali. Għax permezz tal-Knisja tfakkarna realment fi Kristu, li għadu jfejjaq lill-morda fir-ruħ u fil-ġisem. Imbagħad Ħuna Mario għadda biex ifisser is-sagrament tad-dilka tal-morda.

Fid-diskors tiegħu huwa wera kif, mill-esperjenza personali tiegħu, il-preżenza tal-kappillan fl-isptar hi fil-fatt sagrament ta' konfort għall-pazjent, għall-familjari u għall-membri tal-istaff. Il-kwotazzjoni li sieħbet lil Ħuna Mario fit-taħdita tiegħu kienet dik meħuda minn Santa Tereża ta' Kalkutta, li bħalissa qiegħda bħala poster fuq in-naħa tax-xellug tal-bieb ewlieni tal-kappella f'Mater Dei: "If you have a sick or lonely person... be there. Maybe just to hold a hand, maybe to give a smile; that is the greatest, the most beautiful work." (Mother Teresa, 1910-1997). Filwaqt li nawguraw lil Ħuna Mario u dawk l-aħwa li qegħdin jaħdmu miegħu u bħalu, li jkomplu jikbru f'dan il-ministeru Franġiskan Kapuċċin, jiġifieri dak tal-akkumpanjament ta' ħutna l-morda fl-isptar, inkomplu nitolbu u nħeġġu biex aktar aħwa jiftħu qalbhom sabiex jaqdu lil Ġesù mal-morda. ■

### 2. TLIET AĦWA FI SPELLO



Matul ix-xahar ta' Ottubru Fr Ġwakkin Mercieca u Fr Charles Cardona qattgħu xi jiem ta' talb u ġabra fil-fraternità ta' Spello, fejn hemm ukoll Fr Ivan Scicluna. Huma ppartеċipaw bis-sħiħ fir-ritmu tat-talb u fil-ħajja tal-fraternità ta' Spello, u kellhom ukoll l-opportunità li jqaddsu u jitolbu f'xi wħud mill-postijiet Franġiskani ġewwa Assisi, liema belt tinsab kwarta bogħod minn Spello. Fr Elmar Pace ukoll għamel l-istess esperjenza fi Spello ġimgħa qabel reġa' beda l-istudji tiegħu ġewwa Ruma. L-aħwa tal-fraternità ta' Spello laqgħu bil-qalb lil dawn ħutna u assistewhom f'kulma kienu jeħtieġu għar-ruħ u għall-ġisem. Nitolbu biex din l-esperjenza tħalli l-frott meħtieġ fil-mixja ta' dawn ħutna. ■

### 3. PELLEGRINAĠĠ FIĊ-ĊIMITERJU TAL-ADDOLORATA



It-Tlieta, 6 ta' Novembru 2018, bħal kull sena, sar il-pellegrinaġġ fiċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata f'Raħal Ġdid. Fil-quddiesa mmexxija mill-Ministru Provinċjal tlabna għal ħutna li ħallewna matul din is-sena kif ukoll għal dawk li ħallewna matul is-snin l-oħra. Wara l-quddiesa saret purċissjoni qasira għal fuq l-oqbra tal-provinċja, fejn sar talb għal dawn ħutna. ■

## 4. MONS. ARĊISQOF FIL-FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN



L-għada tal-Milied Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna għamel żjara fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, fejn qaddes fil-kappella għal numru ta' residenti. Ikkonċelebraw miegħu Mons. Charles Cordina, Vigarju Episkopali għad-Djakonija, il-Ministru Provinċjali Fr Effie Mallia u Fr Victor Spiteri, Fr Martin Mamo u Fr Hayden Williams, li jagħtu servizz pastorali fil-faċilità. Il-quddiesa kienet animata mill-postnovizzi Br Mark Scicluna u Br Roderick White, u mid-diretturi rispettivi tagħhom Fr Joe Giuliano u Br Miguel Zammit. Fl-omelija tiegħu Mons. Arċisqof apprezza l-ħidma tagħna l-Kapuċċini fil-faċilità. L-istess għamel is-Sur Randolph Spiteri, Chief Operations Manager, fl-aħħar tal-quddiesa. Wara l-quddiesa l-Arċisqof ta xbieha ta' Ġesù Bambin lil dawk preżenti u wara ltaqa' mal-awtoritajiet tal-faċilità. ■

## 5. VIDEO TAL-MILIED MILL-ISTUDENTI





Fiż-żmien tal-Milied ħutna l-istudenti, Br Mark Scicluna u Br Roderick White, ħadmu flimkien biex itellgħu kanzunetta b'filmat magħha b'messaġġ u b'awguri għall-Milied. Il-kanzunetta hija *Caro Gesù Bambino* ("Għażiż Ġesù Tarbija") u jkantaha Ħuna Roderick White, akkumpanjat mid-daqq tal-vjolin ta' Ħuna Mark Scicluna. Il-verżjoni tibda bil-lirika Taljana. Inżamm il-kliem oriġinali ta' talba sempliċi ta' tfajjel ċkejken, minn familja fqira, li innoċentement qiegħed jistieden lil Ġesù sabiex iħalli s-sema mqar għal darba biss u jinżel ħdejh sabiex jilgħab miegħu u jieħdu gost flimkien. Il-kanzunetta mbagħad taqleb għal-lirika Maltija fejn tinbidel anke l-perspettiva. Din id-darba hemm talba minn adult li qiegħed jitlob lil Ġesù tarbija jisma' l-karba u t-talba li hu qiegħed jagħmel mill-qalb, sabiex jiġi mill-ġdid fid-dinja u jġib miegħu ġid u hena, sliem u paċi, għax mingħajr il-preżenza ta' Ġesù fid-dinja dawn spiċċaw. Dan il-filmat ġie mtella' f'diversi siti fuq l-internet u l-kanzunetta anke qed tindaqq fuq l-istazzjonijiet lokali tar-radju. Jalla kull wieħed minna, meta jisma' din il-kanzunetta jew jara l-filmat tagħna, jerġa' jiskopri t-tifel ta' ġo fih, filwaqt li jersaq quddiem Ġesù tarbija b'qalb mimlija entużjażmu li hi kapaċi wkoll tistagħġeb għall-opri ta' Alla. Wieħed jista' jara l-filmat minn dan il-link:

Preview YouTube video caro gesu bambino **https://www.youtube.com/watch?v=MTpvaxBQcsw** ■

## 6. PUBBLIKAZZJONI ĠDIDA



Matul LEJLA TAL-MILIED, li ġiet organizzata mit-Transplant Support Group, li kienet tinkludi quddiesa ċċelebrata minn Fr Bernard Mangion, tnieda uffiċjalment ktejjeb iddedikat lill-pazjenti tar-Renal, miktub minn Fr Mario Attard. It-titlu ta' dan il-ktieb hu: *KURAĠĠ TUL IT-TRIQ*. Is-sies ta' dan il-ktieb hu l-esperjenza li dan ħuna jagħmel meta jżur lil dawn il-pazjenti waqt li jkun qed jaqdi dmirijietu ta' kappillan fl-Isptar Mater Dei. ■

## 7. MONS. JOSEPH ALESSANDRO FIR-RIVISTA *BICI*


Kenya: Seeds of peace between Christians and Muslims in Garissa

CRISTINA UGUCCIONI
GARISSA

What is the current situation in Garissa?

Mons. Joseph Alessandro u d-djoċesi ta' Garissa, li tagħha huwa ragħaj spiritwali, kienu parti mill-informazzjoni li r-rivista online *BICI*, rivista tal-ordni tagħna, ġabet fil-ħarġa tax-xahar ta' Diċembru 2018. Fl-intervista ta' tliet paġni ma' Mons. Alessandro jingħata ħjiel ta' min hu Mons. Joseph Alessandro, tad-djoċesi ta' Garissa u s-sitwazzjoni tad-djoċesi, dwar ir-relazzjoni bejn il-Kristjani u l-Musulmani u anke dwar proġetti soċjali li d-djoċesi qiegħda tagħmel. Din l-intervista tkompli tfakkarna f'kemm xogħol ħutna l-missjunarji qegħdin iwettqu barra minn xtutna, anke f'ambjenti mhux tant feliċi. Din l-intervista ma' Mons. Joseph Alessandro ġiet anke mtellgħa fuq il-website tal-ordni tagħna. Filwaqt li nifirħu lil Ħuna Mons. Joseph Alessandro tal-ħidma li qiegħed iwettaq, inkomplu nitolbu għal ħutna l-missjunarji biex filwaqt li l-Mulej iħarishom minn kull deni, jagħtihom anke l-għajnuna biex ikomplu jxandruh fl-artijiet tal-missjoni. ■

## 8. GRADWAZZJONI TA' BR MARK SCICLUNA



Nhar il-Ħamis, 29 ta' Novembru 2018, Br Mark Scicluna, postnovizz, iggradwa mill-Università ta' Malta wara li temm b'suċċess il-kors li huwa segwa għal dawn l-aħħar tliet snin, fil-Filosofija. Nawgurawlu fil-formazzjoni tiegħu u fl-istudju li fadallu. ■

## 9. LIVE-IN GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ FI ŻMIEN L-AVVENT



Il-Ġimgħa, 14 u l-Ħadd, 16 ta' Diċembru 2018, il-grupp vokazzjonali tal-provinċja tagħna flimkien mal-formandi organizza live-in għal żgħażagħ minn tmintax-il sena 'l fuq għal żmien l-Avvent. F'dawn il-jiem huma setgħu jirriflettu sewwa fuq il-ħajja tagħhom u anke jippreparaw ruħhom spiritwalment għall-festa tal-Milied. It-tema prinċipali kienet dik tas-siġra tal-Milied. Din it-tema għenet liż-żgħażagħ jirriflettu dwar it-tiżjin li bih inżejnu l-ħajja tagħna, imma anke kellhom l-għajnuna li jiskopru aħjar is-sabiħ personali tagħhom. Fl-aħħar huma waqfu mal-persuna ta' Ġesù, li huwa s-siġra tal-ħajja. B'kollox kienu tlieta u tletin żagħżugħ u żagħżugħa li attendew dan il-live-in, li sar fid-dar tal-irtiri f'Tas-Silġ, Marsaxlokk. Kienu diversi aħwa li taw il-kontribut tagħhom f'dawn il-jiem, fosthom Ħutna Miguel Zammit, Vincent Axiaq, Mark Scicluna, Roderick White, Bertrand Vella u Joseph Giuliano. Dawn iż-żgħażagħ huma wħud mill-membri li ta' kull ħmistax jiltaqgħu fil-kunvent tagħna tal-Kalkara. Jalla dik iż-żerriegħa li nżergħet f'dawn il-jiem tkompli tħalli l-frott. ■

## 10. LAQGĦA FRATERNA TAL-MILIED



Nhar l-Erbgħa 26 ta' Diċembru ġiet animata l-laqgħa fraterna li ssir kull sena fil-jiem tal-festi tal-Milied. L-Aħwa Franġiskani Kapuċċini ltaqgħu fil-kunvent tas-Salib Imqaddes fil-Furjana, fejn tkanta l-Għasar, sar it-tiġdid tal-professjoni reliġjuża u fl-aħħar ingħatat il-barka sagramentali.

Il-Ministru Provinċjal Ħuna Patri Effie Mallia OFMCap ta l-awguri tiegħu kemm lil dawk l-aħwa preżenti kif ukoll lil dawk li minħabba mard jew xogħol pastorali ma setgħux jattendu. F'diskors li għamel għall-okkażjoni huwa saħaq fuq il-ferħ li dan iż-żmien iġib miegħu, ferħ li jħossu kull Nisrani li jiċċelebra dan il-misteru tal-inkarnazzjoni bil-fidi. Dan il-ferħ għandu jidher speċjalment fl-aħwa li jħaddnu l-kariżma Franġiskana. Huwa kompla d-diskors tiegħu billi tkellem dwar dak il-ferħ li jitwieled fil-qlub tagħna kemm-il darba b'fedeltà ngħixu l-kariżma tal-fraternità mibnija fuq it-talb tagħna flimkien u mhux inqas fuq il-ħidma pastorali li jeħtieġ li nwettqu dejjem flimkien, kemm fil-kunventi tagħna u mhux inqas man-nies li magħhom naħbtu kuljum.



Fl-aħħar taċ-ċelebrazzjoni ġew imfakkra dawk l-aħwa Kapuċċini li matul is-sena 2018 iċċelebraw xi anniversarju speċjali, kemm tal-ordinazzjoni presbiterali, tal-professjoni perpetwa, jew tal-professjoni temporanja. *Dawn huma:*



**50 SENA MILL-ORDINAZZJONI PRESBITERALI (30.03.1968)**
Bernard Mangion
**50 SENA MILL-PROFESSJONI PERPETWA (31.03.1968)**
Anthony Ciangura
**50 SENA MILL-PROFESSJONI TEMPORANJA (11.08.1968)**
Joseph Libreri
**25 SENA MILL-PROFESSJONI PERPETWA (07.01.1993)**
Franco Fenech
**25 SENA MILL-ORDINAZZJONI PRESBITERALI (02.07.1993)**
Martin Micallef



Lil dawn ħutna, filwaqt li nawgurawlhom għaċ-ċelebrazzjoni ta' dawn l-anniversarji, inroddulhom ħajr għad-diversi ħidmiet li wettqu u għadhom qed iwettqu bl-akbar ħeġġa, u mhux inqas inkomplu nitolbu għalihom bil-għan li l-Mulej li sejħilhom ikompli jieqaf magħhom billi jagħtihom għomor twil ta' fedeltà u xhieda permezz tal-ħajja tagħhom.



**AD MULTOS ANNOS!**

## 11. IL-KOMUNITÀ ERITREANA F'MALTA TIĊĊELEBRA L-MILIED



Kif ilkoll nafu, il-Kattoliċi Eritreani skont ir-rit tagħhom jiċċelebraw il-festa tal-Milied fis-6 ta' Jannar, meta aħna niċċelebraw l-Epifanija. Imma għall-membri tal-komunità Eritreana f'Malta, anke b'direzzjoni mogħtija lilhom mis-saċerdoti tagħhom f'pajjiżhom, issa li qegħdin magħna f'Malta, b'sens ta' integrazzjoni jiċċelebraw il-Milied magħna fil-25 ta' Diċembru. Dan ma jnaqqas xejn li aħna min-naħa tagħna ma nirrispettawx ir-rit tagħhom u nħalluhom jiċċelebrawh ukoll fid-data tagħhom. B'rispett reċiproku jiċċelebrawh magħna fil-25 ta' Diċembru, kif ukoll fis-7 ta' Jannar aħna magħhom.

- Għalhekk nhar il-Ħadd 6 ta' Jannar (minflok it-Tnejn 7 ta' Jannar peress li għalihom hija ġurnata ta' xogħol) fil-kappella ta' Lourdes, li hija l-parroċċa tal-komunità Eritreana f'Malta, ġiet iċċelebrata quddiesa solenni bil-liturġija tal-Milied. Dan, għall-aħwa Eritreani li qed jgħixu f'Malta, kien mument ta' ferħ.



- Minbarra l-quddiesa solenni għalihom f'jum il-festa tal-Milied, huma wkoll kellhom okkażjonijiet oħra ta' ferħ marbuta ma' dan iż-żmien. Nhar il-Ħamis 27 ta' Diċembru ġiet organizzata għalihom l-ikla tal-Milied f'restorant li joffri ikel Eritrean. Dan kien mument sabiħ fejn setgħu jiltaqgħu flimkien bil-għan li jaqsmu bejniethom il-ferħ tal-Milied u fl-istess waqt jawguraw lil xulxin l-isbaħ xewqat għas-sena l-ġdida.



- Okkażjoni oħra li huma apprezzaw ferm kienet l-istedina li saritilhom mill-Assoċjazzjoni San Publiju fil-Furjana. Dawn ħadu ħsieb jorganizzaw laqgħa tal-Milied u tal-bidu ta' sena ġdida lil diversi komunitajiet li għandhom residenza fil-Furjana, fosthom il-komunità-parroċċa tal-Eritreani. Huma jixtiequ jgħidu grazzi għal dawn l-attivitajiet, għax b'hekk iħossuhom milqugħin, maħbuba u megħjuna fil-proċess ta' integrazzjoni f'Malta.



- Nhar is-Sibt 5 ta' Diċembru l-komunità Eritreana f'Malta kellha żjara mhux tas-soltu. Il-grupp ta' adolexxenti mill-parroċċa ta' San Ġużepp mill-Qala, Għawdex, l-hekk imsejjaħ Qala Teen Group, ġie Malta, immexxi minn Fr Noel Debono. L-ewwel attività li kellhom kienet żjara fil-kappella-parroċċa tal-Madonna ta' Lourdes tal-Kapuċċini fil-Furjana. Hawnhekk huma ltaqgħu kemm ma' grupp mill-komunità ta' Eritreani Kattoliċi li jinsabu f'Malta kif ukoll mal-kappillan tagħhom Fr Philip Cutajar OFMCap. Wara mument ta' talb Fr Philip għamel diskors qasir dwar il-ħidma tiegħu mal-immigranti, mhux biss Eritreani imma issa anke dawk l-immigranti Kattoliċi ġejjin mill-kontinent Afrikan. Wara, wieħed mill-immigranti, Joseph Keralta, li diġà ilu hawn Malta 15-il sena, qasam maż-żgħażagħ l-esperjenza tiegħu dwar il-motiv li għalih ħalla pajjiżu, ir-rakkont tal-vjaġġ lejn Malta u s-sitwazzjoni tiegħu preżenti issa li qiegħed Malta.

Prosit lill-parroċċa tal-Qala, Għawdex għal din l-inizjattiva bil-għan li ż-żgħażagħ tagħna, li huma l-futur ta' għada, jikbru ħielsa minn kull preġudizzju kontra dawn ħutna. ■

## 12. ATTIVITÀ TAL-EPIFANIJA GĦALL-BENEFATTURI TAL-MISSJONI

Nhar il-Ħadd 6 ta' Jannar, festa tal-Epifanija, saret il-laqgħa annwali tal-Milied, organizzata mill-Uffiċċju tal-Missjoni tagħna l-Kapuċċini. Din ġiet organizzata fiċ-Ċentru Kultura Franġiskana u għaliha kienu mistiedna benefatturi tal-missjoni, artikolisti li jagħtu l-kontribut tagħhom fir-rivista *Dawl Franġiskan* u anke dawk li jqassmu r-rivista lill-abbonati tagħna.

Din il-laqgħa nfetħet b'talba mill-Ministru Provinċjal Fr Effie Mallia OFMCap, li wara għamel diskors ta' radd il-ħajr lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor, b'mod volontarju, qed jgħinu fil-ħidma ta' animazzjoni missjunarja. Huwa sellem kemm lill-missjunarji li għadhom jaħdmu fil-Kenja kif ukoll lill-eks missjunarji li wħud minnhom kienu preżenti għal din il-laqgħa.

Wara għamel id-diskors tiegħu Ħuna Fr Philip Cutajar OFMCap bħala direttur tal-Uffiċċju Missjoni tal-Kapuċċini. Huwa fisser għaliex din il-laqgħa annwali tal-Milied dejjem issir fil-festa tal-Epifanija. Dan minħabba l-karattru speċifiku ta' din il-festa, li huwa wieħed missjunarju. Fr Philip għadda biex jagħti rendikont finanzjarju billi ppreżenta kemm id-dħul kif ukoll il-ħruġ għas-sena 2018. Dan kien rendikont li jikxef l-imħabba u l-ġenerożità tal-Maltin u l-Għawdxin b'risq il-missjoni.

Matul din il-laqgħa bħal ta' kull sena ttellgħu l-biljetti rebbieħa tal-lotterija tal-Milied li ssir b'risq ir-rivista *Dawl Franġiskan* u l-missjoni.



Il-biljetti rebbieħa huma:
L-1 premju: Emanwel Mifsud bin-numru 082471
It-2 premju: Marija Attard bin-numru 023718
It-3 premju: C. Baldacchino bin-numru 085747
Ir-4 premju: Pauline Taliana bin-numru 003430

Filwaqt li nifirħu lir-rebbieħa, nixtiequ ngħidu grazzi kbira lil dawk kollha li ħadu sehem f'din il-lotterija, għax b'hekk għenu fid-dħul li sar minnha b'risq il-missjoni. ■

## 13. INIZJATTIVA MISSJUNARJA GĦAL ŻMIEN IL-MILIED



Kien tassew ġest ta' min ifaħħru dak li sar bl-inizjattiva ta' Ms Gabriella Busuttil, li taħdem mal-Fides Corporate Services Ltd. Din esprimiet l-idea tagħha li għall-jiem tal-Milied, minflok ma jingħataw rigali lid-diretturi tal-kumpanija, bl-istess flus li jinġabru jieħdu ħsieb jisponsorjaw tifel għal sena skola fil-missjoni tal-Kenja. Ingħaqdu ma' din l-inizjattiva Cefai & Associates flimkien ma' Dr Philip Lanfranco.

Is-somma li nġabret kienet għolja biżżejjed sabiex it-tifel jiġi sponsorjat mhux biss għal sena (€120) imma għal 7 snin (€840) - il-kors sħiħ tal-iskola primarja u sekondarja. Dan it-tifel jingħata wkoll, fil-ġranet tal-iskola, l-ikel kuljum flimkien mal-uniformi. B'din l-inizjattiva qed iseħħ il-qawl Ċiniż: "Lil min hu bil-ġuħ tagħtihx ħuta x'jiekol, imma agħtih qasba u għallmu jistad." B'ġest ta' mħabba u ġenerożità bħal dan qed jingħata futur lil dan it-tifel, li ġej minn familja fqira tant li kieku mhux qed jirċievi din l-għajnuna, u kien jibqa' jiġġerra fit-toroq bi probabbiltà li 'l quddiem isir xi kriminal. Jalla jkollna kumpaniji oħra li jimitaw dan l-eżempju tajjeb ta' karità. Il-flus ingħataw lil Fr Philip Cutajar minn Dr Adriano Cefai f'isem il-kumpanija. ■



# STUFFAT TAĊ-ĊANGA TAL-PAPA SAN GIRGOR IL-KBIR



*Il-Papa Girgor il-Kbir twieled Ruma fis-sena 540. Huwa kien ġie edukat mill-aħjar għalliema ta' dak iż-żmien. Hu ġie wkoll maħtur prefett ta' Ruma. Iżda minkejja kollox hu xtaq li jaqdi lil Alla. Huwa sar monaku. Huwa bena sitt monasteri mill-ġid li wiret mill-familja tiegħu. Huwa ntgħażel bħala papa. Għen ħafna lill-foqra u ħeles lil Ruma milli taqa' f'idejn il-Barbari. Huwa kkompona dak li ġie msemmi għalih, il-kant Gregorjan. Huwa wkoll duttur tal-Knisja. Kien hu li bagħat lil Santu Wistin ta' Canterbury biex jevanġelizza lill-Ingilterra. Il-festa ta' San Girgor il-Kbir taħbat fit-3 ta' Settembru.*

*Din ir-riċetta hija msemmija għall-Papa Girgor il-Kbir, li hu patrun tal-għalliema.*



- 1½ kg ċanga mqattgħa kubi kbar
- 4 basliet imqattgħa kbar
- nofs kuċċarina melħ
- 500 gr bħal karrotti, piżelli...
- 2 mgħaref cornflour imdewbin f'tazza ħalib kiesaħ
- 200 gr ġobon cheddar maħkuk
- 8 patatiet imqaxxra u mqattgħa biċċiet kbar
- 1½ ltr stokk tal-laħam

## Tisjir:

1. Qalli l-basal għal 5 minuti.
2. Poġġi l-laħam ġo dixx.
3. Żid l-istokk tal-laħam fid-dixx flimkien mal-ħaxix.
4. Żid ukoll il-patata.
5. Għatti d-dixx bil-foil u aħmi ġol forn għal madwar siegħa u nofs.
6. Minn ħin għal ieħor ittawwal u ara jekk hemmx bżonn iżżid aktar stokk biex ma jinxifx.
7. Wara oħroġ id-dixx mill-forn u ferra' l-ħalib bil-cornflour u ħawwad kollox sew.
8. Ferrex il-ġobon cheddar maħkuk fil-wiċċ u erġa' daħħal fil-forn għal 10 minuti.





KLIEM: OLIVER FRIGGIERI

*(Titkanta fuq il-melodija ta'* Amazing Grace*)*

# XI MKIEN MADWARI

Jien naf li 'l fuq mis-sħab hemm Int,
mistoħbi u ħaj, Mulej,
ma tongħos qatt u tgħasses biss
fuq kulma ħlaqt b'idejk.

Xi mkien madwari nisma' l-ħoss
tal-passi ta' riġlejk,
fuq spallti nħoss idejk ħelwin,
nisimgħek tieħu n-nifs.

Kull meta jien ikolli l-ferħ
Int bħali tkun ferħan.
Kull meta nxerred ħafna dmugħ
Int tibki bħali wkoll.

Kulm'għedtli darba ma nsejtux,
erfajtu f'din il-qalb,
ingorru miegħi fejn immur
u nxandru lil kulħadd.

KOMPETIZZJONI

FR WISTIN ATTARD OFMCap



# ROKNA GĦAT-TFAL



## AĦSEB U WIEĠEB

1. Ġesù qallu jbigħ li għandu u: jixtri għalqa, jibni dar, jagħti kollox lill-foqra. (Mk. 10,21)
2. Pietru qal lil Ġesù: jien sajjied, raġel midneb, raġel tajjeb. (Lq 5,8)
3. Jiena hu qabel: Adam, Ġożwè, Abraham. (Ġw. 8,58)
4. Xmun wieġeb lil Pietru: itolbu għalija, aħfruli, grazzi. (Atti. 8,24)
5. Kemm kellha rjus il Bhima: 7,8,9. (Apk. 13,1)
6. Omm u ħut Ġesù huma: Marija, Ġwanni, id-dixxipli. (Mt. 12,49)
7. Ir-raġel telaq: ferħan, qalbu sewda, kuntent. (Mk. 10,22)
8. Pietru se jibda jaqbad: il-qarnit, il-lampuki, in-nies. (Lq. 5,10)
9. Raġel agħma minn: ċkunitu, żgħożitu, twelidu. (Ġw. 9,1)
10. Min kellem lil Filippu: Pietru, anġlu, Ġwanni. (Atti 8,26)

## TISLIBA NRU 171



1. Hekk għamilt fil-Mulej. (Fil. 4,10) (5)
2. Minn fejn sejjaħt lil ibni. (Mt. 2,13) (6)
3. Dan issokta jgħid. (Ġob. 34,1) (5)
4. Jekk jinħaraq jitlef dan. (1 Kor. 3,15) (5)
5. Il-kbir ta' Aser. (1 Kron. 7,30) (4)
6. Il-materjal tal-kolonna. (Bar. 6,58) (5)
7. Lot, ... ġust. (2 Pt. 2,7) (5)
8. Fuq liema ġenb timtedd. (Eżek. 4,6) (5)
9. Alla ħalaq dawn il-kbar. (Ġen. 1, 21) (3)
10. Lil min sellem Bogħaż. (Rt. 2,4) (7)
11. u 12. Qabbadhom jaħdmu bih. (2 Sam. 12,31) (6)
13. F'din l-art ta' dawn. (Tob. 1,3) (6)
14. Aħjar hekk milli nibqa' ħaj! (Ġona 4,8) (5)
15. Agħmel hekk, maħbub tiegħi. (Għan. 8,14) (5)
16. Mill-mogħdija ta' dan. (Għam. 6,14) (5)
17. **Jitfa'** fuqhom hena għal dejjem. (Is. 51,11) (5)
18. Xita bikrija u iżjed. (Ġak. 5,7) (7)
19. Ix-xahar ta' dan. (Dt. 16,1) (4)
20. Rekem u ... u Ħur. (Ġoż. 13,21) (3)
21. Mulej, **ħa naraw** il-Missier. (Ġw. 14,8) (5)
22. Lill-anzjan tiħdux hekk. (1 Tim. 5,1) (5)

Agendabookshop

Soluzzjoni għal Tisliba #170

1. Kawda; 2. Senduq; 3. Kiltu; 4. Dinar; 5. Araw; 6. Qridt; 7. Ateni; 8. Imrar; 9. Dud; 10. Tħawwad; 11. u 12. Lqajtu; 13. Tikiku; 14. Vjola; 15. Kburi; 16. Fuqna; 17. Dritt; 18. Jħabbru; 19. Abba; 20. Kor; 21. Labar; 22. Niket.

Ir-rebbieħa tax-xahar ta' Jannar 2018

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni AQTA' Min - NRU. 34 huwa IAN MAGRO - 228, 'In Amore' - Triq il-Kampanella - Fgura - FGR 1692. Ir-rebbieħa tat-Tisliba Nru 170 hija: FILIPPA XUEREB - 3A/16 Triq Il-Kbira - Ħaż-Żebbuġ ŻBĠ 1410. Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA'TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

1. Borża ta' studju
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

2. Ibagħtulna bolol tajbin jew użati
Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI.** Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€5.

3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv.

4. Bażar b'risq il-missjoni
jkun miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 a.m. u l-11.30 a.m. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGHEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla; parti minn Birkirkara; l-Isla; Tas-Sliema, Paola u Sta Luċija.

6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

7. Intenzjonijiet għall-quddies
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI THALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.



**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**

BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052